Nhar il-Ħadd, 25 ta' Ottubru, 2026, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Triq il-Merkanti minn Triq San Nikola sa Triq l-Isptar.

It-trasport pubbliku (Valletta circular bus) se jkun affettwat.

Binġemma, l-Imġarr

Nhar il-Ħadd, 25 ta' Ottubru, 2026, mit-3.00 p.m. sas-7.30 p.m., minn Triq Binġemma, Sqaq is-Sagħtar u diversi sqaqien bejn l-għelieqi fil-madwar.

Parkeġġ maġenb il-kappella huwa projbit u t-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Ħal Tarxien

Mis-7.00 a.m. tas-Sibt, 31 ta' Ottubru, 2026 san-00.30 a.m. tal-Ħadd, l-1 ta' Novembru, 2026, minn Triq Santa Marija.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Iż-Żurrieq

Nhar is-Sibt, 31 ta' Ottubru, 2026, mid-9.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq l-Arċipriet E. Mifsud, Triq l-Iskulturi Fabri, Triq Nicolò Isuoard u Triq l-Imtali.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat u hemm bżonn ta' devjazzjonijiet.

Is-Siġġiewi

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Novembru, 2026, mit-8.00 a.m. sal-5.00 p.m., mil-limiti ta' Għajn il-Kbira (it-telgħa tal-Girgenti).

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

Il-Qala

Nhar it-Tnejn, 2 ta' Novembru, 2026, mit-3.15 p.m. sas-7.30 p.m., minn Pjazza San Ġużepp u Triq il-Kunċizzjoni;

Nhar is-Sibt, 7 ta' Novembru, 2026, mill-5.15 p.m. sad-9.00 p.m., minn Pjazza San Ġużepp u Triq San Ġużepp.

Triq Buqana, Triq Ta' Ħemsija, Triq il-Pitkali, Vjal l-Istadium Nazzjonali and all the streets around the MFCC.

Public transport may be affected.

Valletta

On Sunday, 25th October, 2026, from 8.00 a.m. to 1.00 p.m., through Triq il-Merkanti from Triq San Nikola to Triq l-Isptar.

Public transport (Valletta circular bus) will be affected.

Binġemma, Mġarr

On Sunday, 25th October, 2026, from 3.00 p.m. to 7.30 p.m., through Triq Binġemma, Sqaq is-Sagħtar and diverse alleys in between the nearby fields.

Parking next to the chapel is prohibited and public transport will not be affected.

Ħal Tarxien

From 7.00 a.m. of Saturday, 31st October, 2026, to 00.30 a.m. of Sunday, 1st November, 2026, through Triq Santa Marija.

Public transport will not be affected.

Żurrieq

On Saturday, 31st October, 2026, from 9.00 a.m. to midnight, through Triq l-Arċipriet E. Mifsud, Triq l-Iskulturi Fabri, Triq Nicolò Isuoard and Triq l-Imtali.

Public transport will be affected and diversions are required.

Siġġiewi

On Sunday, 1st November, 2026, from 8.00 a.m. to 5.00 p.m., through the limits of Għajn il-Kbira (Girgenti's uphill).

Public transport will be affected.

Clearance is not required.

Qala

On Monday, 2nd November, 2026, from 3.15 p.m. to 7.30 p.m., through Pjazza San Ġużepp and Triq il-Kunċizzjoni;

On Saturday, 7th November, 2026, from 5.15 p.m. to 9.00 p.m., through Pjazza San Ġużepp and Triq San Ġużepp.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Santa Luċija

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Novembru, 2026, mis-7.30 a.m. sal-11.30 a.m., miż-żona tal-parkeġġ taċ-Ċimiterju tal-Addolorata.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar il-Erbgħa, 11 ta' Novembru, 2026, mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m., minn Triq ir-Repubblika minn salib it-toroq sa Pjazza Savina, Pjazza Savina u Pjazza l-Indipendenza.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

L-Imġarr, Malta

Nhar it-Tlieta, 22 ta' Diċembru, 2026, mid-9.00 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq Fisher u Misraħ l-Assunta.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 197 tal-2026

Wasla tar-Rigg Noble Resolve fil-Port il-Kbir, il-Belt Valletta

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali dwar il-wasla tar-Rigg Noble Resolve fil-Port il-Kbir, il-Belt Valletta.

Ir-rigg huwa skedat li jasal fil-Pilot Station Valletta nhar it-Tlieta, 13 ta' Ottubru, 2026, fit-8.00 a.m. L-operazzjoni tal-irmiġġ mistennija tibda fi kwalunkwe ħin mill-10.00 a.m., suġġett għal movimenti oħra ġewwa l-port. Wara li jitlesta t-trasferiment tal-irmonk lit-tugs lokali, jibda l-manuvra tad-dħul u jipproċedi lejn l-irmiġġ assenjat tiegħu fil-mollijiet tal-Malta Mediterranean Hub (MMH). Il-manuvra hija ppjanata li titlesta sal-4.00 p.m.

Waqt il-manuvri tad-dħul u tal-irmiġġ, ir-rigg Noble Resolve se jiġi assistit minn għadd ta' tugboats, u se tkun preżenti wkoll l-awtorità tal-infurzar marittimu biex tassisti fl-iżgurar ta' passaġġ sigur.

Public transport may be affected.

Santa Luċija

On Sunday, 8th November, 2026, from 7.30 a.m. to 11.30 a.m., through Addolarata Cemetery's parking area.

Public transport will not be affected.

Victoria, Gozo

On Wednesday, 11th November, 2026, from 8.30 a.m. to 1.00 p.m., through Triq ir-Repubblika from the crossroads to Pjazza Savina, Pjazza Savina and Pjazza l-Indipendenza.

Public transport may be affected.

Mġarr, Malta

On Tuesday, 22nd December, 2026, from 9.00 a.m. to 11.00 a.m., through Triq Fisher and Misraħ l-Assunta.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

16th October, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 197 of 2026

Arrival of Rig Noble Resolve within the Grand Harbour, Valletta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby informs mariners and the general public of the arrival of the Rig Noble Resolve at the Grand Harbour, Valletta.

The rig is scheduled to arrive at Pilot Station Valletta on Tuesday, 13th October, 2026 at 8.00 a.m. Berthing operation is expected to commence at any time from 10.00 a.m., subject to other movements within port. Following the completion of the handing over of the tow to the local tugs, the rig will commence its inbound manoeuvre and shall proceed to its designated berth at the Malta Mediterranean Hub (MMH) quays. The manoeuvre is planned to be completed by 4.00 p.m.

During the entry and berthing maneuvers, Rig Noble Resolve will be assisted by a number of tugboats as well as there shall be the presence of maritime enforcement to assist with ensuring safe passage.

Minħabba l-kumplessità ta' din l-operazzjoni, l-ebda bastiment fiż-żona tal-port m'għandu jinterferixxi malmanuvra tad-dħul jew jostakola l-passaġġ sikur tiegħu. M'għandhom isiru l-ebda movimenti ta' bastimenti mingħajr permess minn qabel mingħand Valletta VTS. Bastimenti talemerġenza u dawk tal-infurzar biss se jitħallew jinnavigaw fiż-żona kkonċernata matul dan il-ħin.

Bi tħejjija għall-operazzjoni, il-kaptana u s-sidien talbastimenti li bħalissa huma rmiġġati ma' Bridge Wharf, Fuel Wharf, Coal Wharf u Church Wharf huma meħtieġa jċaqalqu l-bastimenti tagħhom, kif indikat fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) u skont l-istruzzjonijiet ta' Valletta VTS.

Nuqqas ta' konformità mad-direzzjonijiet ta' hawn fuq jista' jkun suġġett għal proċeduri legali.

Il-baħħara kollha għandhom isegwu fuq VHF Channel 12 u 16 u josservaw kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa minn Valletta VTS, u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq ilpost.

Chart affettwata: BA 177

Is-16 ta' Ottubru, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 198 tal-2026

Stħarriġ bil-Hydrographic Multibeam fil-fliegu bejn Malta u Għawdex

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jsir stħarriġ bil-hydrographic multibeam fil-fliegu bejn Malta u Għawdex.

L-istħarriġ se jsir bejn it-Tnejn, 19 ta' Ottubru, 2026 u t-Tnejn, 2 ta' Novembru, 2026, fiż-żona mdawra mill-punti A, B, C, D, E, F, G, H, I u J, inklużi x-xtut ta' bejniethom, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

L-istħarriġ se jsir minn M.V. Wanderer.

Il-baħħara huma mitluba jżommu distanza minima ta' 200 metru mill-bastiment tal-istħarriġ f'kull ħin. Matul l-istħarriġ, M.V. Wanderer se jtajjar il-bandiera 'D' tal-Kodiċi Internazzjonali (Keep clear of me; I am manoeuvring with difficulty).

L-operazzjonijiet tal-istħarriġ huma suġġetti għal kundizzjonijiet tat-temp favorevoli u jistgħu jiġu posposti jew sospiżi skont il-bżonn.

Due to the complexity of this operation, all vessels in the port area must not interfere with the inbound maneuver or obstruct its safe passage. No vessel movements should take place without prior permission from Valletta VTS. Only emergency and enforcement vessels will be allowed to navigate in the affected area during this time.

In preparation for the operation, masters and owners of vessels currently berthed at Bridge Wharf, Fuel Wharf, Coal Wharf and Church Wharf shall be required to shift their vessels, as indicated in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) and as directed by Valletta VTS.

Failure to comply with the above directions may be subject to legal proceedings.

All mariners must maintain a listening watch on VHF Channels 12 and 16 and comply with any instructions issued by Valletta VTS, and any enforcement personnel on-site.

Chart affected: BA 177

16th October, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 198 of 2026

Hydrographic Multibeam Surveys within the Malta-Gozo channel

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that hydrographic multibeam surveys will be carried out within the Malta-Gozo channel.

The surveys will be conducted between Monday, 19th October, 2026 and Monday, 2nd November, 2026, within the area bounded by points A, B, C, D, E, F, G, H, I and J, including the intervening coastlines, as shown in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The surveys will be carried out by M.V. Wanderer.

Mariners are requested to maintain a minimum distance of 200 metres from the survey vessel at all times. During survey operations, M.V. Wanderer will display the International Code flag 'D' (Keep clear of me; I am manoeuvring with difficulty).

Survey operations are subject to favourable weather conditions and may be postponed or suspended as necessary.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jinnavigaw b'kawtela, u jbaħħru b'veloċità sikura (mingħajr rima) meta jgħaddu mill-inħawi.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu distanza xierqa mill-bastiment tal-istħarriġ u jikkoperaw mat-tim tal-istħarriġ biex jiżguraw li l-operazzjonijiet jitwettqu b'mod sikur.

Il-baħħara għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni maħruġa minn Valletta VTS fuq VHF Channel 12 u/jew Channel 16, kif ukoll minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar preżenti fuq il-post.

Charts affettwati: BA 194, 211, 2537

Is-16 ta' Ottubru, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru 52 tal-2026

B'żieda ma'Avviż lill-Baħħara Nru 51 tal-2026 – Tqegħid u manutenzjoni tal-Medusa main trunk submarine cable

B'referenza għal BA Chart 194 – Malta and Għawdex (Gozo), BA Chart 2123 – Capo Granitola to Capo Passero, BA Chart 2124 – Isola di Lampedusa to Capo Passero, BA Chart 2537 – Għawdex (Gozo), Kemmuna (Comino) and the Northern Part of Malta, BA Chart 2538 – Malta, u BA Chart 301 Int – Mediterranean Sea, Western Part,

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li b'żieda ma' Avviż lill-Baħħara Nru 51 tal-2026 dwar it-tqegħid u manutenzjoni tal-Medusa main trunk submarine cable, se jsiru xogħlijiet oħra kif ġej:

Mill-Ħamis, 15 ta' Ottubru, 2026 sal-Ħadd, 25 ta' Ottubru, 2026, tul ir-rotta A, B, C, D u E;

Mill-Ħadd, 25 ta' Ottubru, 2026 sal-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru, 2026, tul ir-rotta E, F u G;

Minn nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru, 2026 sa nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2026, tul ir-rotta E, H, I, J, K, L, M, N, O, P u Q

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 48'.000	014° 05'.000
B	35° 41'.196	014° 07'.033
C	35° 33'.056	014° 02'.204
D	35° 17'.777	014° 00'.592
E	35° 13'.600	014° 02'.800
F	35° 13'.646	014° 01'.322
G	35° 13'.497	014° 00'.487
H	35° 10'.020	014° 17'.040

Masters and operators of vessels are advised to maintain a sharp lookout, navigate with caution, and proceed at a safe speed (no wake) when transiting the area.

All vessels shall give the survey vessel a wide berth and cooperate with the survey team to ensure the safe conduct of the operations.

Mariners are to comply with any instructions issued by Valletta VTS on VHF Channel 12 and/or Channel 16, as well as by any enforcement personnel present on-site.

Charts affected: BA 194, 211, 2537

16th October, 2026

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 52 of 2026

Further to Notice to Mariners No. 51 of 2026 – Laying and maintenance of Medusa main trunk submarine cable

Reference is made to BA Chart 194 – Malta and Għawdex (Gozo), BA Chart 2123 – Capo Granitola to Capo Passero, BA Chart 2124 – Isola di Lampedusa to Capo Passero, BA Chart 2537 – Għawdex (Gozo), Kemmuna (Comino) and the Northern Part of Malta, BA Chart 2538 - Malta, and BA Chart 301 Int – Mediterranean Sea, Western Part,

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, informs mariners that further to Notice to Mariners No. 51 of 2026 regarding laying and maintenance of Medusa main trunk submarine cable, further works are to be carried out as follows:

From Thursday, 15th October, 2026 to Sunday, 25th October, 2026, along the route A, B, C, D and E;

From Sunday, 25th October, 2026 to Friday, 30th October, 2026, along the route E, F and G;

From Friday, 30th October, 2026 to Monday, 16th November, 2026, along the route E, H, I, J, K, L, M, N, O, P and Q.

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 48'.000	014° 05'.000
B	35° 41'.196	014° 07'.033
C	35° 33'.056	014° 02'.204
D	35° 17'.777	014° 00'.592
E	35° 13'.600	014° 02'.800
F	35° 13'.646	014° 01'.322
G	35° 13'.497	014° 00'.487
H	35° 10'.020	014° 17'.040

I	35° 10'.637	014° 21'.470
J	35° 06'.895	014° 33'.717
K	35° 04'.500	015° 24'.127
L	34° 57'.753	015° 43'.625
M	34° 44'.721	016° 09'.813
N	34° 11'.462	016° 24'.139
O	33° 58'.448	016° 23'.486
P	33° 53'.749	016° 27'.963
Q	33° 50'.000	016° 43'.000

Imbagħad se jkun hemm spezzjoni ta' wara t-tqegħid u dfin kif ġej:

Minn nhar is-Sibt, 21 ta' Novembru sal-Ġimgħa, 27 ta' Novembru, 2026, tul ir-rotta A, B, C, D u E;

Mill-Ġimgħa, 27 ta' Novembru, 2026 sal-Ħamis, 3 ta' Diċembru, 2026, tul ir-rotta E, H, I, J, K, L, M, N, O, P u Q.

Avviż lill-Baħħara Nru 51 tal-2026 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż lill-Baħħara Nru 51 tal-2026 tibqa' valida u tapplika għal dawn ix-xogħlijiet.

Charts affettwati: BA 194, 2123, 2124, 2537, 2538 u Int. 301

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

Is-16 ta' Ottubru, 2026

I	35° 10'.637	014° 21'.470
J	35° 06'.895	014° 33'.717
K	35° 04'.500	015° 24'.127
L	34° 57'.753	015° 43'.625
M	34° 44'.721	016° 09'.813
N	34° 11'.462	016° 24'.139
O	33° 58'.448	016° 23'.486
P	33° 53'.749	016° 27'.963
Q	33° 50'.000	016° 43'.000

There will then be post-lay inspection and burial as follows:

From Saturday, 21st November to Friday, 27th November, 2026, along the route A, B ,C, D and E;

From Friday, 27th November, 2026 to Thursday, 3rd December, 2026, along the route E, H, I, J, K, L, M, N, O, P and Q.

Notice to Mariners No. 51 of 2026 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Notice to Mariners No. 51 of 2026 will remain valid and applies to these works.

Charts affected: BA 194, 2123, 2124, 2537, 2538 and Int. 301

Positions referred to WGS 84 DATUM

16th October, 2026

AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI

L-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali tgħarraf rigward il-vakanza li ġejja:

Post ta' Junior Assessor skont numru tal-permess ta' Jobsplus 872/2026;

Post ta' Research Officer skont numru tal-permess ta' Jobsplus 871/2026.

Partijiet interessati jistgħu jitolbu dettalji permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.scsa@gov.mt) jew iniżżlu d-deskrizzjoni tax-xogħol minn (https://scsa.gov.mt/mt/Pages/Vacancies.aspx).

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet għall-applikazzjonijiet hija nhar il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 2026, f'nofsinhar. Sottomissjonijiet li jaslu wara din id-data ma jkunux ikkunsidrati.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

SOCIAL CARE STANDARDS AUTHORITY

The Social Care Standards Authority has the following vacancies:

Post of Junior Assessor as per Jobsplus permit number: 872/2026;

Post of Research Officer as per Jobsplus permit number: 871/2026.

Interested parties may request details by sending an email to (recruitment.scsa@gov.mt) or download the Job Description from (https://scsa.gov.mt/mt/Pages/Vacancies.aspx).

The deadline for the submission of applications is Thursday, 29th October, 2026, at noon. Late submissions will not be accepted.

16th October, 2026

UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee (Various Specialities) fl-Uffiċċju tad-Deputat tal-Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee (Various Specialities) fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa.

Il-lista li ġejja ta' speċjalitajiet mediċi u d-dipartimenti korrispondenti tagħhom għandha tibqa' bl-Ingliż biex tiġi żgurata l-konsistenza u tiġi evitata kwalunkwe ambigwità jew interpretazzjoni ħażina li tista' tirriżulta mit-traduzzjoni.

1.2 Vakanzi jeżistu fl-ispeċjalitajiet li ġejjin:

1. Anesthesia and Critical Care in the Department of Anesthesia, Critical Care and Pain Management;
2. Cardiology in the Department of Cardiology Services;
3. Cardiothoracic Surgery in the Department of Cardiothoracic Surgery;
4. Dermatology in the Department of Dermatology;
5. Diabetes and Endocrinology in the Department of Medicine;
6. Emergency Medicine in the Department of Accident and Emergency;
7. Gastroenterology in the Department Gastroenterology & Immunology;
8. General Medicine in the Department of Medicine;
9. Genetics in the Department of Pathology;
10. General Paediatrics in the Department of Child and Adolescent;
11. General Surgery in the Department of General and Vascular Surgery;
12. Geriatric Medicine in the Department of Geriatrics;
13. Genitourinary Medicine in the Department of Dermatology
14. Histopathology in the Department of Pathology;
15. Infectious Diseases and in the Department of Medicine;
16. Medical Oncology in the Department of Oncology and Haematology;
17. Neonatology in the Department of Child and Adolescent Health;
18. Nephrology in the Department of Medicine;
19. Neurology in the Department of Neuroscience;
20. Obstetrics and Gynaecology in the Department of Obstetrics and Gynaecology;

OFFICE OF THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTRY FOR HEALTH

Position of Higher Specialist Trainee (Various Specialities) in the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry of Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1.1 The Permanent Secretary Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health, invites applications for the position of Higher Specialist Trainee (Various Specialities) in the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health.

The following list of medical specialities and their corresponding departments shall remain in English to ensure consistency and avoid any ambiguity or misinterpretation arising from translation.

1.2 Vacancies exist in the following specialities:

1. Anesthesia and Critical Care in the Department of Anesthesia, Critical Care and Pain Management;
2. Cardiology in the Department of Cardiology Services;
3. Cardiothoracic Surgery in the Department of Cardiothoracic Surgery;
4. Dermatology in the Department of Dermatology;
5. Diabetes and Endocrinology in the Department of Medicine;
6. Emergency Medicine in the Department of Accident and Emergency;
7. Gastroenterology in the Department Gastroenterology & Immunology;
8. General Medicine in the Department of Medicine;
9. Genetics in the Department of Pathology;
10. General Paediatrics in the Department of Child and Adolescent;
11. General Surgery in the Department of General and Vascular Surgery;
12. Geriatric Medicine in the Department of Geriatrics;
13. Genitourinary Medicine in the Department of Dermatology
14. Histopathology in the Department of Pathology;
15. Infectious Diseases and in the Department of Medicine;
16. Medical Oncology in the Department of Oncology and Haematology;
17. Neonatology in the Department of Child and Adolescent Health;
18. Nephrology in the Department of Medicine;
19. Neurology in the Department of Neuroscience;
20. Obstetrics and Gynaecology in the Department of Obstetrics and Gynaecology;

21. Oncology and Radiotherapy in the Department of Oncology and Haematology;

22. Ophthalmology in the Department of Ophthalmology;

23. Orthopaedics and Trauma in the Department of Orthopaedic;

24. Paediatric Cardiology in the Department of Child and Adolescent;

25. Paediatric Infection Diseases and Immunology in the Department of Child and Adolescent;

26. Paediatric Respiratory and Allergology in the Department of Child and Adolescent;

27. Paediatrics with special interest in Community Paediatrics in the Department of Child and Adolescent;

28. Paediatrics with special interest in Paediatric Endocrinology in the Department of Child and Adolescent;

29. Paediatrics with special interest in Paediatric Neurology in the Department of Child and Adolescent;

30. Paediatrics with special interest in Paediatric Oncology in the Department of Child and Adolescent;

31. Paediatrics with special interest in Paediatric Respiratory Medicine in the Department of Child and Adolescent;

32. Paediatrics with special interest in Paediatric Gasroenterology, Hepatology and Nutrition in the Department of Child and Adolescent;

33. Paediatrics with special interest in Paediatric Nephrology in the Department of Child and Adolescent;

34. Paediatric Surgery in the Department of Surgical Specilaities;

35. Palliative Medicine in the Department of Oncology and Haematology;

36. Plastic Surgery in the Department of Surgical Specialities;

37. Psychiatry in the Department of Psychiatry;

38. Public Health in the Department of Public Health;

39. Radiology in the Department of Medical Imaging;

40. Radiology (with subspeciality interest in Diagnostic) in the Department of Medical Imaging;

41. Radiology (with subspeciality interest in Interventional) in the Department of Medical Imaging;

42. Rehabilitation Medicine in the Department of Geriatrics;

43. Respiratory Medicine in the Department of Medicine;

44. Rheumatology in the Department of Medicine;

45. Sports and Exercise Medicine in the Department of Orthopaedic;

46. Vascular Surgery in the Department of General and Vascular Surgery.

21. Oncology and Radiotherapy in the Department of Oncology and Haematology;

22. Ophthalmology in the Department of Ophthalmology;

23. Orthopaedics and Trauma in the Department of Orthopaedic;

24. Paediatric Cardiology in the Department of Child and Adolescent;

25. Paediatric Infection Diseases and Immunology in the Department of Child and Adolescent;

26. Paediatric Respiratory and Allergology in the Department of Child and Adolescent;

27. Paediatrics with special interest in Community Paediatrics in the Department of Child and Adolescent;

28. Paediatrics with special interest in Paediatric Endocrinology in the Department of Child and Adolescent;

29. Paediatrics with special interest in Paediatric Neurology in the Department of Child and Adolescent;

30. Paediatrics with special interest in Paediatric Oncology in the Department of Child and Adolescent;

31. Paediatrics with special interest in Paediatric Respiratory Medicine in the Department of Child and Adolescent;

32. Paediatrics with special interest in Paediatric Gasroenterology, Hepatology and Nutrition in the Department of Child and Adolescent;

33. Paediatrics with special interest in Paediatric Nephrology in the Department of Child and Adolescent;

34. Paediatric Surgery in the Department of Surgical Specilaities;

35. Palliative Medicine in the Department of Oncology and Haematology;

36. Plastic Surgery in the Department of Surgical Specialities;

37. Psychiatry in the Department of Psychiatry;

38. Public Health in the Department of Public Health;

39. Radiology in the Department of Medical Imaging;

40. Radiology (with subspeciality interest in Diagnostic) in the Department of Medical Imaging;

41. Radiology (with subspeciality interest in Interventional) in the Department of Medical Imaging;

42. Rehabilitation Medicine in the Department of Geriatrics;

43. Respiratory Medicine in the Department of Medicine;

44. Rheumatology in the Department of Medicine;

45. Sports and Exercise Medicine in the Department of Orthopaedic;

46. Vascular Surgery in the Department of General and Vascular Surgery.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Huwa miftiehem li għandu jingħata limitu totali ta' għaxar (10) snin ta' xogħol full-time, jew tul ta' żmien ekwivalenti, biex jitlesta t-taħriġ speċjalizzat (inkluż kemm Higher Specialist Training u Basic Specialist Training),

Duration of Assignment and Conditions

2.1 It is agreed that a total limit of ten (10) years full-time, or equivalent duration, would be given to complete specialist training (including both Higher Specialist Training and Basic Specialist Training), excluding maternity, parental,

bl-esklużjoni tal-leave tal-maternità, tal-leave tal-ġenituri, tal-leave tal-mard, tal-leave għal responsabbiltajiet jew tal-leave għall-istudju. Dan il-leave għall-istudju m'għandux ikun parti mill-programm ta' taħriġ approvat.

2.2 Il-perjodu ta' għaxar (10) snin mill-bidu tat-taħriġ speċifiku fl-ispeċjalità xierqa ma jinkludix il-Foundation Period.

2.3 F'każ fejn persuna ma tlestix it-taħriġ tagħha fiż-żmien ta' għaxar (10) snin, il-Ministeru jżomm id-dritt li jassenja mill-ġdid lill-persuna kkonċernata bħala Staff Grade, skont l-esiġenzi tas-servizz.

2.4 Dawn it-tobba għandhom jibqgħu fl-istess skala tas-salarju li jkunu laħqu u għandhom jissejħu Medical Officer in Staff Grade.

2.5 Il-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.6 Il-kandidati magħżula jridu jkollhom kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għaliha jkunu applikaw. Qabel il-ħatra, kandidati magħżula li ma jkunux ġejjin mis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew minn awtorità kompetenti oħra, li ma jkunx inħareġ aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet; dan iċ-ċertifikat għandu jiġi ppreżentat mill-kandidat magħżul fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.7 Persuna maħtura titħalla twettaq prattika privata dment li: (a) din issir strettament barra l-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol; u (b) ma tfixkilx jew tiġi f'kunflitt mad-dmirijiet uffiċjali jew mal-ħtiġiet tas-servizz.

2.8 Uffiċjal li jokkupa pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), u li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tal-perjodu definit tiegħu/tagħha, jista' japplika għal trasferiment laterali, anke jekk il-pożizzjoni reklamata tinvolvi l-istess speċjalizzazzjoni li hu/hi għandu/ha bħalissa.

2.9 Skont ir-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16 dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jevalwa l-impjiegi preċedenti tal-kandidati sabiex jivvaluta kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu l-istorja tal-impjieg minn Jobsplus flimkien mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni relatata ma' kunflitt ta' interess potenzjali li tiġi identifikata tiġi rrapportata lis-Segretarju Permanenti kkonċernat, sabiex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi rreklutat, tali kunflitti ta' interess jiġu ġestiti b'mod xieraq.

sick, responsibility or study leave. Such study leave must not be part of the approved training programme.

2.2 The ten (10) year computation from the start of the specific training in the appropriate specialty does not include the Foundation Period.

2.3 Wherever an appointee does not complete his/her training within the ten (10) year period, the Ministry retains the right to re-deploy the appointee in the appropriate Staff Grade according to the exigencies of the service.

2.4 Such doctors shall remain in the same salary scale they would have attained and shall be referred to as Medical Officer in Staff Grade.

2.5 The position of a Higher Specialist Trainee is subject to a probationary / trial period of twelve (12) months.

2.6 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.7 An appointee will be allowed to undertake private practice provided that: (a) it is carried out strictly outside official working hours; and (b) it does not interfere or conflict with the official duties or the exigencies of the service.

2.8 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.9 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a Jobsplus employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrapportaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf – kemm jekk reali, potenzjali jew apparenti – qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-dikjarazzjoni preskritta li tinsab fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/DocsDirectives/Directives/Directive-16.pdf?v=2026101409)).

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee huwa ekwivalenti għall-massimu tal-Iskala tas-Salarju 6 (li fis-sena 2026 huwa ta' €37,509.00 fis-sena), bi grad sostantiv ta' Senior Staff Grade li jibda mit-tielet stadju tal-Iskala tas-Salarju 6 (li fis-sena 2026 huwa ta' €35,123.68).

3.2 Higher Specialist Trainee għandu jirċievi Allowance ta' Speċjalizzazzjoni ta' €6,530 fis-sena għall-ewwel sentejn (2) li jitħallas fi tlettax-il pagament indaqs kull sena.

3.3 Higher Specialist Trainee għandu jirċievi Allowance ta' Speċjalizzazzjoni ta' €7,050 mit-tielet sena 'l quddiem, li jitħallas fi tlettax-il pagament indaqs kull sena.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee huma:

i. Ikun parti mid-Dipartiment indikat u jirrispondi lill-Konsulenti rispettivi u fl-aħħar nett lill-Chairperson Kliniku tad-Dipartiment;

ii. Jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ fid-Dipartiment rilevanti li hu adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jsegwu karriera fl-ispeċjalità magħżula;

iii. Ikun meħtieġ jieħu sehem fl-attivitajiet akkademiċi u ta' tagħlim inkluż riċerka u verifika, u f'laqgħat tad-Dipartiment rilevanti;

iv. Ikun involut fl-immaniġġjar tad-Dipartiment u li jerfa' responsabbiltajiet amministrattivi meta meħtieġ;

v. Ikompli max-xogħol ta' Basic Specialist Trainee iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà u jrid ikun kapaċi jagħmel djanjoži u jiġġestixxi problemi iktar ikkumplikati u jrid jiżviluppa l-ħiliet kliniċi tiegħu u jirrispondi direttament lill-Konsulent inkarigat mill-ispeċjalità;

vi. Jipprovdi servizz ta' għassa residenzjali skont roster stabbiltà li tista' tinkludi dmirijiet ta' billejl u jieħu inkonsiderazzjoni l-ħtiġiet tat-taħriġ kif jistgħu jkunu applikabbli minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz;

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/DocsDirectives/Directives/Directive-16.pdf?v=2026101409)).

Salary Pegged to the Position

3.1 The Salary attached to the position of Higher Specialist Trainee is equivalent to the maximum of Salary Scale 6 (which in year 2026 is €37,509.00 per annum), with a substantive grade of Senior Staff Grade which starts at the third (3) step of Salary Scale 6 (which in the year 2026 is €35,123.68)

3.2 A Higher Specialist Trainee will receive a Specialisation Allowance of €6,530 per annum for the first two (2) years, payable in thirteen equal instalments.

3.3 A Higher Specialist Trainee will receive a Specialisation Allowance of €7,050 from the third (3) year, payable in thirteen equal instalments.

Duties

4.1 The job duties for the position of Higher Specialist Trainee include:

i Forming part of the Department indicated and is accountable to the respective Consultants and ultimately to the Clinical Chairperson of the Department;

ii Forming an integral part of the training programme of the relevant Department and is suitable for candidates wishing to pursue a career in the chosen specialty;

iii Required to participate in teaching and academic activities including research and audit, and meetings of the relevant Department;

iv Be involved in the management of the Department and to take administrative responsibilities when necessary;

v Continuing with the duties of the Basic Specialist Trainee but at a higher level of responsibility and should be able to diagnose and manage more complicated problems and should develop his/her clinical skills and will be directly answerable to the Consultant in charge of the specialty;

vi Provides resident on-call in accordance with an established roster which may include night duty and will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service;

vii. Iżomm ruħu aġġornat mal-iżviluppi kurrenti fil-qasam rispettiv u jipparteċipa f'laqgħat ta' wara l-gradwazzjoni kemm f'Malta kif ukoll barra filwaqt attivitajiet ta' riċerka jkunu inkoraġġiti u jkun mistenni jiġġenera materjal għall-pubblikazzjoni f'pubblikazzjonijiet mediċi kemm lokali kif ukoll barranin;

viii. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

ix. Iwettaq kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

x. Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Persuna maħtura tista' tintalab twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz tal-kura tas-saħħa f'Malta u/jew Għawdex, skont id-diskrezzjoni tal-maniġment.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

vii Keeps abreast with the current developments in the respective field and participates in postgraduate meetings locally and abroad whereas research activities will be encouraged and be expected to generate material for publication in local and foreign medical publications;

viii Makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health;

ix Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

x Carries out any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 An appointee may be requested to perform duties in any of the Health care services in Malta and/or Gozo at the discretion of the management.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Barra minn hekk, l-applikanti għandhom ikunu:

ii. kapaċi jikkomunika bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

iii. ikollhom il-warrant biex jipprattikaw (reġistrazzjoni sħiħa bħala prattikant mediku mal-Kunsill Mediku ta' Malta); U

iv. fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat Bażiku (CCBST) maħruġ mill-Kumitat tal-Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti (SAC) ta' Malta jew ekwivalenti sal-31 ta' Marzu, 2027; JEW

v. fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat (CCST) fil-Family Medicine jekk japplikaw għall-Palliative Medicine mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, 2027.

Qed jiġi ċċarat li qabel ma jinħatru, l-applikanti li japplikaw għall-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee fi:

1. Anesthesia and Critical Care jirrikjedi CCBST fl-Anaesthesia and Intensive Care jew ekwivalenti;
2. Cardiology jirrikjedi CCBST f'General/Internal Medicine jew ekwivalenti;
3. Cardiothoracic Surgery jirrikjedi CCBST f'Surgery jew ekwivalenti;
4. Dermatology jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;
5. Diabetes and Endocrinology jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;
6. Emergency Medicine jirrikjedi CCBST fl-Accident and Emergency jew ekwivalenti;
7. Gastroenterology jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;
8. General Medicine jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

In addition applicants must be:

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. fully warranted (full registration as a Medical Practitioner with the Medical Council of Malta); AND

iv. in possession of a Certificate of Completion of Basic Specialist Training (CCBST) issued by the Specialist Accreditation Committee (SAC) of Malta or equivalent by the 31st March, 2027; OR

v. in possession of a Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) for Family Medicine if they apply for Palliative Medicine by not later than 31st March, 2027.

It is being clarified that before being appointed, applicants applying for the Higher Specialist Trainee position in:

1. Anesthesia and Critical Care would require a CCBST in Anaesthesia and Intensive Care or equivalent;
2. Cardiology would require a CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;
3. Cardiothoracic Surgery would require a CCBST in Surgery or equivalent;
4. Dermatology would require a CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;
5. Diabetes and Endocrinology would require a CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;
6. Emergency Medicine would require a CCBST in Accident and Emergency or equivalent;
7. Gastroenterology would require a CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;
8. General Medicine would require a CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;

9. Genetics jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine, CCBST in Paediatrics or CCST in Family Medicine jew ekwivalenti;

10. General Paediatrics jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

11. General Surgery jirrikjedi CCBST f'Surgery jew ekwivalenti;

12. Geriatric Medicine jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;

13. Genitourinary Medicine jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;

14. Histopathology jirrikjedi CCBST fil-Histopathology jew ekwivalenti;

15. Infectious Diseases jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;

16. Medical Oncology jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;

17. Neonatology jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

18. Nephrology jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;

19. Neurology jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;

20. Obstetrics and Gynaecology jirrikjedi CCBST fl-Obstetrics and Gynaecology jew ekwivalenti;

21. Oncology and Radiotherapy jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;

22. Ophthalmology jirrikjedi CCBST fl-Ophthalmology jew ekwivalenti;

23. Orthopaedics and Trauma jirrikjedi CCBST f'Surgery jew ekwivalenti;

24. Paediatric Cardiology jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

25. Paediatric Infectious Diseases and Immunology jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

26. Paediatric Respiratory and Allergology jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

27. Paediatrics with special interest in Community Paediatrics jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

28. Paediatrics with special interest in Paediatric Endocrinology jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

29. Paediatrics with special interest in Paediatric Neurology jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

30. Paediatrics with special interest in Paediatric Oncology jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

31. Paediatrics with special interest in Paediatric Respiratory Medicine jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

32. Paediatrics with special interest in Paediatric Gastroenterology, Hepatology and Nutrition jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

33. Paediatrics with special interest in Paediatric Nephrology jirrikjedi CCBST fil-Paediatrics jew ekwivalenti;

9. Genetics would require a CCBST in General/Internal Medicine, CCBST in Paediatrics or CCST in Family Medicine or equivalent;

10. General Paediatrics would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

11. General Surgery would require a CCBST in Surgery or equivalent;

12. Geriatric Medicine would require a CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;

13. Genitourinary Medicine would require CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;

14. Histopathology would require a CCBST in Histopathology or equivalent;

15. Infectious Diseases would require a CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;

16. Medical Oncology would require CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;

17. Neonatology would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

18. Nephrology would require a CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;

19. Neurology would require a CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;

20. Obstetrics and Gynaecology would require a CCBST in Obstetrics and Gynaecology or equivalent;

21. Oncology and Radiotherapy would require a CCBST in General/Internal Medicine or equivalent;

22. Ophthalmology would require a CCBST in Ophthalmology or equivalent;

23. Orthopaedics and Trauma would require a CCBST in Surgery or equivalent;

24. Paediatric Cardiology would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

25. Paediatric Infectious Diseases and Immunology would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

26. Paediatric Respiratory and Allergology would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

27. Paediatrics with special interest in Community Paediatrics would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

28. Paediatrics with special interest in Paediatric Endocrinology would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

29. Paediatrics with special interest in Paediatric Neurology would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

30. Paediatrics with special interest in Paediatric Oncology would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

31. Paediatrics with special interest in Paediatric Respiratory Medicine would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

32. Paediatrics with special interest in Paediatric Gastroenterology, Hepatology and Nutrition would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

33. Paediatrics with special interest in Paediatric Nephrology would require a CCBST in Paediatrics or equivalent;

34. Paediatric Surgery jirrikjedi CCBST f'Surgery jew ekwivalenti;

35. Palliative Medicine jirrikjedi jew CCBST fil-General/Internal Medicine, CCBST fl-Anaesthesia and Intensive Care jew CCST fil-Family Medicine jew ekwivalenti;

36. Plastic Surgery jirrikjedi CCBST f'Surgery jew ekwivalenti;

37. Psychiatry jirrikjedi CCBST f'Psychiatry jew ekwivalenti;

38. Public Health jirrikjedi CCBST fil-Public Health Medicine jew ekwivalenti;

39. Radiology jirrikjedi CCBST fir-Radiology jew ekwivalenti;

40. Radiology (with subspeciality interest in Diagnostic) jirrikjedi CCBST fir-Radiology jew ekwivalenti;

41. Radiology (with subspeciality interest in Interventional) jirrikjedi CCBST fir-Radiology jew ekwivalenti;

42. Rehabilitation Medicine jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew CCBST f'Surgery jew CCBST fl-Accident and Emergency jew CCBST fil-Paediatrics jew CCBST f'Psychiatry jew CCBST fl-Anaesthesia and Intensive Care jew CCST fil-Family Medicine jew ekwivalenti;

43. Respiratory Medicine jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;

44. Rheumatology jirrikjedi CCBST fil-General/Internal Medicine jew ekwivalenti;

45. Sports and Exercise Medicine jirrikjedi CCBST f'Surgery jew CCBST fil-General/Internal Medicine jew CCBST fl-Accident and Emergency jew CCST fil-Family Medicine jew ekwivalenti;

46. Vascular Surgery jirrikjedi CCBST f'Surgery jew ekwivalenti.

Id-dokumenti 1 sa 2 hawn fuq għandhom jiġu skennjati u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt) mhux aktar tard mid-data u l-ħin tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

L-applikazzjonijiet kompluti għandhom jinkludu dikjarazzjoni għal kull pożizzjoni li saret applikazzjoni għaliha, li tenfasizza l-applikanti:

(a) dikjarazzjoni ta' motivazzjoni;

the SAAC's prerogative to nominate any candidate to any of the positions advertised.

SAAC Interview Procedure

Eligible applicants will be required to sit for a psychometric test which will be held at the Institute for the Public Services (IPS).

Subsequently they will be called for an individual interview at the discretion of the Senior Appointments Advisory Committee.

Further details regarding the SAAC interview process and additional information may be viewed in the following guidelines – The Nomination Process for Headship Positions – Notes for Prospective Applicants – through (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/PersonnelSystemCompliance/Headship/Nomination_Process-HeadshipsADs.pdf?v=2026101510).

Submission of Applications

Prospective applicants are invited to apply through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt) by not later than 5.15 p.m. of Friday, 30th October, 2026.

Guidelines to assist in the submission of applications online may be obtained from (https://recruitment.gov.mt/manual/Recruitment%20Manual.pdf).

Complete Application Checklist

Applications must include :

(a) a detailed curriculum vitae (Europass format) which will include the continuous professional development record and attainment of qualifications;

(b) an updated Service and Leave Record Sheet issued not earlier than one (1) month from the date of application (in the case of public officers).

Documents A to B above are to be scanned and sent through the recruitment portal (https://recruitment.gov.mt) by not later than the closing date and time of the call for applications

Completed applications should include a statement for each position applied for, highlighting the applicants':

(a) motivation statement; and

(b) il-viżjoni u x'azzjoni jeħtieġ li tittieħed biex tiġi implimentata tali viżjoni.

Il-limitu totali tal-kliem huwa 1000 kelma għal (a) u (b) flimkien

APPLIKAZZJONIJIET LI JASLU TARD MHUX SE JIĠU KKUNSIDRATI. L-APPLIKANTI LI JITQIESU INELIĠIBBLI SKONT IT-TERMINI TA' DIN IS-SEJĦA SE JIĠU INFURMATI KIF XIERAQ.

L-applikanti huma mfakkra li hija r-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw li d-dettalji tal-applikazzjoni tagħhom ikunu kompluti u korretti, kif ukoll is-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni kollha meħtieġa. Għandha tintalab l-għajnuna f'każ ta' diffikultà.

Qabel ma jissejħu għall-intervista, l-applikanti prospettivi jkunu meħtieġa jimlew dikjarazzjoni li tindika kull kunflitt ta' interess possibbli jew potenzjali (eż. interessi tan-negozju, xogħol privat, eċċ.). Din id-dikjarazzjoni se tintbgħat b'ittra elettronika u għandha tintbgħat lura bl-istess mod sa dakinhar qabel ma wieħed jattendi għall-intervista.

Il-position descriptions għall-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/PersonnelSystemCompliance/Headship/(Govt_Printing_Press),(Int_Direct_Taxation),(Integration),(Taxpayer_Services).pdf?v=2026101510).

Is-16 ta' Ottubru, 2026

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Sejħa għal Applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Amministratur Anzjan fil-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan il-Ministeru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali

Numru tal-Permess Jobsplus: 867/2026

Għan Ġenerali tal-Pożizzjoni

L-Amministratur Anzjan għandu jirrapporta għand il-Kap (Żvilupp u Operat) kif ukoll, fejn meħtieġ, għand l-Uffiċjal Kap (Operat). Id-detentur tal-kariga għandu primarjament iwettaq dmirijiet ta' reception iżda wkoll jikkordina l-posta, il-kunsinni, il-faċilitajiet tal-uffiċċju u s-swali tal-laqgħat.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet Prinċipali

Reception u Front Desk

Jassisti fit-tmexxija ta' kuljum tal-area tar-reception;

(b) the vision and what action needs to be taken to implement such vision.

The total word limit is 1000 words for both (a) and (b) together.

LATE APPLICATIONS WILL NOT BE CONSIDERED. APPLICANTS WHO ARE DEEMED INELIGIBLE IN TERMS OF THIS CALL WILL BE INFORMED ACCORDINGLY.

Applicants are reminded that it is their responsibility to ensure the completeness and correct details of their applications, as well as the submission of all required documentation. In case of difficulty assistance can be requested.

Prior to being called for the interview, prospective applicants would be required to fill a declaration indicating any possible or potential conflict of interest (e.g. business interests, private work, etc.). The declaration form will be sent by email and is to be sent by email before attending the interview.

Position descriptions of the above-mentioned positions can be obtained from (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/PersonnelSystemCompliance/Headship/(Govt_Printing_Press),(Int_Direct_Taxation),(Integration),(Taxpayer_Services).pdf?v=2026101510).

16th October, 2026

ARTS COUNCIL MALTA

Call for Applications for the position of Senior Administrator at Arts Council Malta within the Ministry for Arts, Culture and National Heritage

Jobsplus Permit Number: 867/2026

Overall Purpose of the Position

The Senior Administrator shall report to the Head (Development and Operations) and, where required, the Chief Officer (Operations). The postholder shall primarily perform front desk duties but also coordinate mail, deliveries, office facilities and meeting rooms.

Main Duties and Responsibilities

Reception and Front Desk Duties

Help with the day-to-day running of the reception area;

Jiżgura li r-reception tkun dejjem koperta matul il-ħinijiet tax-xogħol;

Jgħin fil-preparazzjoni tal-iskedi ta' kull ġimgħa għar-reception u fl-arranġament ta' sostituzzjoni fejn meħtieġ;

Jilqa' lill-viżitaturi b'mod professjonali u kordjali;

Iwieġeb u jidderieġi telefonati, emails u mistoqsijiet minn viżitaturi;

Jappoġġja u jassisti membri ġodda tal-istaff tar-reception biex jitgħallmu l-proċeduri tal-uffiċċju u l-istandards tas-servizz lill-klijent.

Faċilitajiet tal-Uffiċċju u Swali tal-Laqgħat

Jgħin biex iżomm l-ispazji komuni tal-uffiċċju, iż-żoni ta' stennija, il-kċejjen u s-swali tal-laqgħat nodfa, organizzati u preżentabbli;

Jikkordina mal-ħaddiema tal-manutenzjoni, tekniċi u fornituri oħra tas-servizzi meta jkun meħtieġ;

Jamministra l-prenotazzjonijiet tas-swali tal-laqgħat u spazji kondiviżi tal-uffiċċju;

Iħejji s-swali tal-laqgħat qabel il-laqgħat billi jorganizza l-postijiet bilqiegħda, it-tagħmir u l-ikel u x-xorb fejn ikun meħtieġ;

Jgħin biex jiġu solvuti kunflitti fil-prenotazzjonijiet u jiżgura li l-ispazji tal-laqgħat jintużaw b'mod effiċjenti.

Posta, Kunsinni u Provvisti tal-Uffiċċju

Jirċievi, jissortja u jqassam il-posta, il-kunsinni u pakketti ta' kurrier li jaslu;

Iħejji u jorganizza l-posta li tintbagħat u l-ġbir tal-kurrier;

Jiżgura li dokumenti kunfidenzjali jiġu trattati b'attenzjoni u mgħoddija lid-dipartiment korrett;

Jimmonitorja l-provvisti tal-uffiċċju u oġġetti tal-kċina, u jagħmel ordnijiet meta l-istokk ikun qed jonqos;

Iżomm rekords bażiċi tal-istokk u jiżgura li l-provvisti jkunu disponibbli meta meħtieġa.

Appoġġ Amministrattiv

Jidderieġi mistoqsijiet lejn id-dipartiment jew il-membru tal-istaff xieraq;

Ensure the reception desk is always attended during office hours;

Assist in preparing weekly reception schedules and arranging cover when needed;

Welcome visitors in a friendly and professional manner;

Answer and direct phone calls, emails, and visitor enquiries;

Support and assist new reception staff in learning office procedures and customer service standards.

Office Facilities and Meeting Rooms

Help keep shared office areas, waiting areas, kitchens, and meeting rooms clean, tidy, and presentable;

Coordinate with maintenance workers, technicians, and other service providers when required;

Manage bookings for meeting rooms and shared office spaces;

Prepare meeting rooms before meetings by arranging seating, equipment, and refreshments when needed;

Help resolve booking clashes and ensure meeting spaces are used efficiently.

Mail, Deliveries and Office Supplies

Receive, sort, and distribute incoming mail, deliveries, and courier packages;

Prepare and arrange outgoing mail and courier collections;

Ensure confidential documents are handled carefully and passed on to the correct department;

Monitor office supplies and kitchen items, and place orders when stock is running low;

Keep basic stock records and ensure supplies are available when needed.

Administrative Support

Direct enquiries to the correct department or staff member;

Jipprovdi assistenza amministrattiva ġenerali lil timijiet differenti fi ħdan l-entita;

Jassisti fl-organizzazzjoni ta' laqgħat, avvenimenti, konferenzi tal-aħbarijiet u attivitajiet oħra organizzati fl-uffiċċju;

Iżomm u jaġġorna sistemi ta' arkivjar kemm fiżiċi kif ukoll elettroniċi;

Jiżgura li r-rekords jiġu arkivjati b'mod korrett u jinżammu kunfidenzjali.

Responsabbiltajiet Oħra

Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor raġonevoli relatat mal-kariga kif jista' jintalab mill-maniġment.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom dritt għal trattament ugwali bħaċ-ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tad-dispożizzjonijiet tat-trattati li jittrattaw il-moviment liberu tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom dritt għal trattament ugwali bħaċ-ċittadini Maltin fi kwistjonijiet relatati mal-impjieg bis-saħħa tal-applikazzjoni għal dak il-pajjiż tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tad-dispożizzjonijiet tat-trattati li jittrattaw il-moviment liberu tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom dritt għal trattament ugwali bħaċ-ċittadini Maltin fi kwistjonijiet relatati mal-impjieg skont il-liġi jew il-leġiżlazzjoni tal-UE u tad-dispożizzjonijiet tat-trattati msemmija hawn fuq, minħabba r-relazzjoni familjali tagħhom ma' persuni msemmija fil-paragrafu (a), (b) jew (c); jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw status ta' residenti tul żmien twil f'Malta skont ir-regolament 4 tar-'Regolamenti dwar Status ta' Residenti li Joqogħdu għal Żmien Twil (Ċitttadini ta› Pajjiżi Terzi)' jew li ngħataw permess ta' residenza skont ir-regolament 18(3) tagħhom, flimkien mal-membri tal-familja ta' dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw permess ta' residenza skont ir-'Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji, 2007'; jew

f. fil-pussess ta' dokument ta' residenza maħruġ skont it-termini tal-'Regolamenti dwar l-Istatus tar-Residenza taċ-Cittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja Tagħhom

Provide general administrative assistance to different teams across the organisation;

Assist with the organisation of meetings, events, press conferences, and other activities held at the office;

Maintain and update both paper and electronic filing systems;

Ensure records are filed accurately and kept confidential.

Other Responsibilities

Carry out any other reasonable duties related to the role as requested by management.

Eligibility Requirements

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the

skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda Ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u l-Unità tal-Espatrijati fi ħdan Identità kif meħtieġ fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq.

Il-ħatra tal-kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol safejn dan ikun meħtieġ mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata kif meħtieġ dwar din il-kwistjoni.

U

kapaċi jikkomunikaw kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-lingwa Ingliża sabiex iwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat id-dmirijiet li japplikaw għalihom.

U

għandu jkollhom:

kwalifika rrikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF fl-Amministrazzjoni tan-Negozju, Amministrazzjoni Pubblika, Management, Procurement, Finanzi, Kummerċ, Riżorsi Umani jew oqsma rilevanti oħra, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

JEW

Kwalifika postsekondarja fil-Livell 4 tal-MQF jew kwalifika kumparabbli xierqa u rrikonoxxuta fil-procurement, amministrazzjoni, ġestjoni tal-uffiċċju, appoġġ finanzjarju jew oqsma rilevanti oħra, flimkien ma' erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

U għandu jkollhom:

Ċertifikat tal-ICDL;

Ħiliet ta' komunikazzjoni eċċellenti;

Kapaċità tajba ħafna fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

Ħiliet organizzattivi b'saħħithom u kapaċità li jimmaniġġjaw diversi kompiti fl-istess ħin;

Livell għoli ta' professjonalità u kunfidenzjalità;

Ħiliet interpersonali u ta' servizz lill-klijent eċċellenti;

Kapaċità li jaħdmu b'mod awtonomu bi ftit jew mingħajr superviżjoni.

Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

AND

able to communicate in both the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for.

AND

must be in possession of:

a recognised qualification at MQF Level 5 in Business Administration, Public Administration, Management, Procurement, Finance, Commerce, Human Resources or other relevant areas, plus two (2) years relevant work experience

OR

A post-secondary qualification at MQF Level 4 or an appropriate, recognised comparable qualification in procurement, administration, office management, finance support or other relevant areas, plus four (4) years relevant work experience

And must have:

An ICDL Certificate;

Excellent communication skills;

Fluent in Maltese and English;

Strong organisational and multitasking skills;

High level of professionalism and confidentiality;

Excellent interpersonal skills and customer service skills;

Ability to work autonomously with little or no supervision

Informazzjoni dwar il-Kuntratt u s-Salarju

Il-kandidati magħżula jidħlu f'kuntratt ta' impjieg full-time fuq bażi indefinita. Is-salarju mħallas ikun salarju bażiku ta' €24,675 fl-2026 (Grad 8a tal-Istruttura tal-Gradi u s-Salarji tal-Kunsill Malti għall-Arti) u Allowance tal-Klassi tal-Entità ta' €850 fis-sena.

Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati lil (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Applikanti bi kwalifiki barranin għandhom jipproduċu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA). Dawn għandhom jinksibu permezz ta' applikazzjoni online għar-rikonoxximent tal-kwalifiki lil (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Din id-dikjarazzjoni għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni u l-oriġinali għandha tiġi ppreżentata waqt l-intervista.

L-iskadenza għall-applikazzjonijiet tagħlaq il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru, 2026, f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli jintalbu jattendu intervista ta' selezzjoni.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Regolamenti għal-Lotterija tal-Irċevuti Fiskali

Kundizzjonijiet li jirregolaw il-Lotteriji

(a) Għandha ssir Lotterija darbtejn fix-xahar għall-irċevuti fiskali maħruġa bil-cash registers, jew mekkaniżmi oħra mqabbda ma' xi sistema kompjuterizzata approvata mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana u għall-irċevuti fiskali maħruġa bl-idejn.

(b) Għal dawn il-lotteriji huma validi biss I-irċevuti li jkunu oriġinali u jkunu juru d-dettalji kollha meħtieġa skont l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406 tal-liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti maħruġa taħt l-istess Att. Irċevuti li ma jkunux bħal dawn ma jiġux ikkunsidrati validi f'każ ta' rebħ.

(c) Dawn il-Lotteriji jittellgħu nhar il-ħmistax (15) u t-tlieta u għoxrin (23) ġurnata ta' kull xahar. Jekk il-ħmistax u/jew it-tlieta u għoxrin tax-xahar ikun is-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika, it-tlugħ isir fl-ewwel ġurnata tax-xogħol li jkun imiss. Il-ħin u l-post tat-tlugħ jiġi deċiż minn żmien għal żmien mill-uffiċjal inkarigat mit-Taqsima Lotterija Irċevuti Fiskali.

Contract and Salary Information

The selected candidates will enter into a full-time employment contract on an indefinite basis. The salary paid will be of a basic salary of €24,675 in 2026 (Grade 8a of Art Council Malta's Grading and salary Structure) and an Entity Class Allowance of €850 per annum.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and copies of certificates to (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Applicants holding foreign qualifications are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application for the recognition of qualifications from (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Closing date for applications is on Friday, 30th October, 2026, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

16th October, 2026

MINISTRY FOR FINANCE

Regulations for the Fiscal Receipts Lottery

Conditions regulating the Lottery

(a) The Lottery shall be drawn twice a month and shall include fiscal receipts issued by means of fiscal cash registers or by means of other devices connected to a computer system approved by the Commissioner for Tax and Customs, and fiscal receipts issued manually.

(b) Only original receipts which contain the information specified in the Value Added Tax Act, Cap. 406 of the Laws of Malta and regulations made under that Act shall be eligible to participate in the draws. Any other receipts shall be considered invalid if drawn.

(c) The draws shall be held on the fifteenth (15) day and the twenty third (23) day of each month. If the fifteenth day and/or twenty third day of the month fall on a Saturday, a Sunday or a Public Holiday, the draws shall be held on the first following working day. The date and place of the draws shall be established by the officer in charge of Fiscal Receipts Lottery from time to time.

(d) L-irċevuti li jaslu matul xahar partikolari jinqasmu f'żewġ lottijiet. L-irċevuti li jaslu fit-Taqsima Lotterija Irċevuti Fiskali sas-14:00 tal-ħames (5) jum tax-xahar għandhom jidħlu fl-ewwel (1) tlugħ. L-irċevuti li jaslu Taqsima Lotterija Irċevuti Fiskali mhux aktar tard minn nofsinhar tal-għaxar (10) jum tax-xahar għandhom jidħlu fit-tieni (2) tlugħ, kif indikat f'paragrafu (c).

(d) The receipts received in a given month shall be divided in two lots. Receipts received at the Fiscal Receipts Lottery Unit up to 14:00hrs of the 5th day of the month shall be drawn in Draw 1. Receipts received at the Fiscal Receipts Lottery Unit by not later than noon of the 10th day of the month shall be drawn in Draw 2, as indicated in paragraph (c).

(e) Il-fondi allokati bħala premjijiet f'dawn il-Lotteriji huma ta' EUR 60,000 għal kull waħda miż-żewġ lotteriji li jsiru kull xahar, jew kwalunkwe ammont ieħor li minn żmien għal żmien jiġi deċiż mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi.

(e) The prize fund shall be EUR 60,000 for each draw taking place every month, or any other amount which the Minister responsible for Finance may establish from time to time.

(f) L-estrazzjoni tal-irċevuti rebbieħa għandha ssir minn urna jew urni li jinsabu fit-Taqsima Lotterija Irċevuti Fiskali.

(f) The draws of the winning receipts shall be carried out from an urn located at the Fiscal Receipts Lottery Unit.

(g) Ir-rebħ isir billi l-irċevuta mtellgħa l-ewwel tiġi ddikjarata valida u wara, il-valur tal-irċevuta jiġifieri t-total tal-ammont aħħari li għandu jitħallas, jiġi mmultiplikat b'mija (x 100). B'hekk irċevuta b'valur ta' EUR 23.29 tiġi mmultiplikata b'mija (x 100) u r-rebbieħ jirbaħ EUR 2,329.

(g) In each draw a win shall be determined by the drawn receipt being declared valid and, afterwards, the value of the receipt, namely the total final amount payable, shall be multiplied by one hundred (x 100). In this respect, a receipt having a value of EUR 23.29 shall be multiplied by one hundred (x 100) and the prize will be EUR 2,329.

(h) Meta rċevuta tinkludi oġġetti li jaqgħu taħt l-Iskema ta' Rifużjoni tad-Depożitu tal-Kontenituri tax-Xorb (Beverage Container Refund Scheme – BCRS), il-valur tal-irċevuta (jiġifieri l-ammont finali pagabbli) li fuqu jiġi ddeterminat ir-rebħ għandu jkun l-ammont eskluż kwalunkwe depożitu rifużibbli tal-BCRS, iżda inkluż kwalunkwe ammont imħallas permezz tal-vouchers tal-BCRS, skont il-każ li jkun.

(h) Where a receipt includes items that fall under the Beverage Container Refund Scheme (BCRS), the value of the receipt (i.e. the total final amount payable) on which a win shall be determined, shall be the amount excluding any BCRS refundable deposits but including any amounts paid by way of redemption of BCRS deposit vouchers, as the case may be.

(i) Kull irċevuta rebbieħa twassal għal rebħ minimu ta' EUR 233 iżda ma jistax ikun hemm rebħ ta' aktar minn massimu ta' EUR 11,647. B'hekk irċevuti b'valur sa EUR 2.33 irebbħu EUR 233 iżda irċevuta ta' EUR 139.76 twassal biss għal rebħ ta' EUR 11,647 u mhux EUR 13,976.

(i) Each winning receipt shall entitle the winner to a minimum prize of EUR 233, while the maximum entitlement shall be limited to EUR 11,647. In this respect, receipts with a value of up to EUR 2.33 shall entitle the winner to a prize of EUR 233 but a winning receipt with a value of EUR 139.76 shall entitle the winner to a prize of only EUR 11,647 and not EUR 13,976.

(j) Matul kull waħda miż-żewġ lotteriji, irid jibqa' jsir tlugħ sakemm is-somma totali tilħaq EUR 60,000. L-aħħar irċevuta mtellgħa li tkun valida qabel jintlaħaq it-total massimu ta' EUR 60,000 allokata għall-premjijiet għandha tiġi onorata, anke jekk permezz tagħha tinqabeż is-somma allokata ta' EUR 60,000.

(j) For each of the two draws, receipts will continue to be drawn until the total prize fund of EUR 60,000 is reached. The last valid receipt drawn before the maximum total of EUR 60,000 allocated to the prize fund is reached shall be honoured even if, through the drawing of this last receipt, the allocated sum of EUR 60,000 is surpassed.

(k) L-irċevuti mhux imtellgħin fiż-żewġ lotteriji għandhom jiġu meqrudin mit-Taqsima Lotterija Irċevuti Fiskali fi żmien raġonevoli mid-data tat-tlugħ ta' kull lotterija.

(k) Undrawn receipts shall be destroyed within a reasonable time from the date of each draw.

(l) Dan it-tlugħ għandu jsir taħt is-superviżjoni ta' Bord magħmul mir-rappreżentanti li ġejjin:

(l) The draws shall be carried out under the supervision of a Board composed of the following:

Membri:

Members:

(i) Rappreżentant mill-Ministeru għall-Finanzi;

(i) a representative from the Ministry responsible for Finance;

(ii) Nutar mill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern;

(iii) Rappreżentant mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana;

Osservaturi:

(i) Rappreżentant appuntat minn fost il-pubbliku ġenerali mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi; u

(ii) Rappreżentant mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

(m) Membri, osservaturi u mpjegati tal-Lotterija tal-lrċevuti Fiskali, mhumiex eleġibli biex jipparteċipaw fil-lotterija.

Kif wieħed jista' jieħu sehem fil-Lotteriji

1. Persuni minn sittax-il sena 'l fuq jistgħu jieħdu sehem fil-lotterija. Irċevuti sottomessi minn persuni taħt is-sittax-il sena għandhom jitqiesu mill-Bord bħala invalidi. Il-membri tal-Bord, l-osservaturi u l-impjegati tat-Taqsima Lotterija Irċevuti Fiskali, u l-persuna responsabbli għat-tlugħ tal-irċevuti mill-urna li se tkun preżenti għat-tlugħ, mhumiex eliġibbli biex jipparteċipaw fl-istess lotteriji.

2. Biex wieħed jieħu sehem, għandu jżomm l-irċevuti fiskali oriġinali tax-xahar.

3. Fuq wara ta' kull irċevuta, persuni li jixtiequ jipparteċipaw iridu jiktbu l-kunjom sħiħ u n-numru tal-karta tat-Identità (inkluża l-ittra tal-aħħar) b'mod ċar u li jinqara, u min irid, iżid l-isem, l-indirizz sħiħ u n-numru tat-telefon.

4. Fil-każ li jkun hemm id-dettalji ta' aktar minn parteċipant wieħed fuq wara tal-irċevuta, il-premju jiġi mogħti lid-detentur tal-ewwel numru tal-karta tal-identità li jkun leġibbli. Jekk id-detentur tal-ewwel numru tal-karta tal-identità leġibbli jkun persuna taħt l-età ta' sittax-il (16) sena, is-somma mogħtija bħala premju għandha tingħata lid-detentur tan-numru tal-karta tal-identità leġibbli li jmiss.

5. Fil-bidu tax-xahar ta' wara, iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn nofsinhar tal-għaxar (10) ġurnata tax-xahar, il-parteċipanti għandhom jibagħtu jew iwasslu l-irċevuti lit-Taqsima Lotterija Irċevuti Fiskali.

6. Irċevuti li jaslu fit-Taqsima Lotterija Irċevuti Fiskali wara l-ħin tal-għeluq tal-għaxra (10) tax-xahar ma jiġux ikkunsidrati validi għal ebda waħda miż-żewġ lotteriji għal dak ix-xahar.

7. Meta l-għaxra (10) tax-xahar jinzerta s-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika, id-data sa meta d-Dipartiment jista' jirċievi

(ii) a notary from the Office of the Notary to Government;

(iii) a representative familiar with VAT legislation from the Office of the Commissioner for Tax and Customs.

Observers:

(i) a representative appointed from among the general public by the Minister responsible for Finance; and

(ii) a representative from the Office of the Auditor General.

(m) Members, observers and members of staff of the Fiscal Receipts Lottery Unit are not eligible to participate in the lottery.

How to participate in the Lotteries

1. Persons aged sixteen (16) years or over may participate in the lotteries. Receipts submitted by individuals under this age shall be considered by the Board as invalid. Members of the Board, observers, employees of the Fiscal Receipts Lottery Unit and the person responsible for drawing up the receipts from the urn who will be present during the draws shall not be eligible to participate in the said lotteries.

2. In order to participate, one should retain the original fiscal receipts of the particular month to be drawn.

3. On the reverse side of each receipt, persons wishing to participate should write in ink their full surname and full identity card number (including the end letter) in a clear and legible manner and, if they so desire, their name, full address and telephone number.

4. In cases where the reverse side of a receipt contains the details of more than one participant, the prize shall be awarded to the participant whose identity card number appears first in order of listing and is clearly legible. If that participant is under the age of sixteen (16) years, the prize shall be awarded to the next participant whose identity card number is legible and satisfies the age requirement.

5. At the beginning of each month, and in any case not later than noon of the tenth (10) day of that month, the participants should post or deliver the receipt they wish to submit for the draw to the Fiscal Receipts Lottery Unit.

6. Receipts which are received at the Fiscal Receipts Lottery Unit after the closing time of the tenth (10) of the month shall not be considered valid for any of the draw of the given month.

7. Where the tenth (10) of the month falls on a Saturday, Sunday or Public Holiday, the date on which the Fiscal

l-irċevuti għandha tiġi estiża sa nofsinhar tal-ewwel ġurnata tax-xogħol li jkun imiss.

8. Il-boroż bl-irċevuti fiskali kif spjegat f'paragrafu (d) għandhom jitqassmu fl-urna fil-preżenza ta' żewġ uffiċjali pubbliċi u sussegwentement għandhom jiġu ssiġillati.

9. Ir-riżultat li jkopri l-ewwel u t-tieni lotteriji għandu jiġi ppubblikat fil-ħmistax (15) u t-tlieta u għoxrin (23) jum ta' kull xahar rispettivament, fuq sit elettroniku li jintagħżel għal dan il-għan. Meta l-ħmistax (15) u t-tlieta u għoxrin (23) jum tax-xahar jaħbat nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika ir-riżultat għandu jiġi ppubblikat fl-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss.

10. Wara r-riżultat finali msemmi f'paragrafu disgħa (9), ir-rebbieħa jirċievu l-premju permezz ta' ittra rreġistrata mibgħuta mit-Taqsima Lotterija Irċevuti Fiskali bħala ċekk.

11. Ċekkijiet li ma jissarfux fi żmien sitt (6) xhur mir-riżultat finali msemmi f'paragrafu għaxra (10), jiskadu u jintilfu.

Dan l-avviż jissostitwixxi dak ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 20,175 tat-23 ta' April, 2019.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' Kwalifikazzjoni għal-Learning Support Educators Supplimentari (SLSE) – Novembru 2026

Eżami tal-Kitba

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż tal-eżami msemmi hawn fuq intbagħat permezz ta' ittra elettronika lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż tal-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet fuq in-numru tat-telefown 2598 2958 jew b'ittra elettronika lil (myexams@gov.mt).

Is-16 ta' Ottubru, 2026

KAMRA TAD-DEPUTATI

Parlament ta' Malta

Avviż ta' Direct Order

Skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti dwar ix-Xiri Pubbliku L.N. 352 tal-2016.

Memorandum of Understanding regulating the Agreement for Maintenance and Technical Support Services

Receipts Lottery Unit may receive, receipts shall be extended to noon of the following first working day.

8. The bags containing the fiscal receipts as explained in paragraph (d) shall be deposited to an urn in the presence of two public officers from the Ministry responsible for Finance, which subsequently it will be sealed.

9. The result for the first and second draw shall be published on the fifteenth (15) and the twenty-third (23) day of each month respectively, on a website designated for this purpose. If the fifteenth day and/or twenty-third (23) day of the month fall on a Saturday, Sunday or public holiday, the result shall be published on the following first working day.

10. Following the final result mentioned in paragraph ten (10), the winners shall receive the prize by registered mail from the Fiscal Receipts Lottery Unit in the form of a cheque.

11. Cheques which are not encashed within a period of six (6) months from the final result mentioned in paragraph ten (10), shall be forfeited and will be disposed of.

This notice supersedes the one published in the Government Gazette No. 20,175 of 23rd April, 2019.

16th October, 2026

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Qualifying Examinations for Supply Learning Support Educators (SLSE) – November 2026

Written Examination

The Director of Examinations notifies that the timetable for the abovementioned examination has been sent by email to the candidates concerned.

Those applicants who have not received the timetable are advised to contact immediately the Department of Examinations via telephone number 2598 2958 or by email to (myexams@gov.mt).

16th October, 2026

THE HOUSE OF REPRESENTATIVES

Parliament of Malta

Notice of Direct Order

In terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations L.N. 352 of 2016.

Memorandum of Understanding regulating the Agreement for Maintenance and Technical Support Services of Audio-

of Audio-Visual Equipment at the House of Representatives, Parliament of Malta for a period of 12 months as from 1st May, 2026 to 30th April, 2027.

L-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 2026, il-Ministeru għall-Finanzi approva talba tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, sabiex tidħol f'arranġamenti kuntrattwali dwar 'Memorandum of Understanding regulating the Agreement for Maintenance and Technical Support Services of Audio-Visual Equipment at the House of Representatives, Parliament of Malta', ma' TELMACO S.A., Chalandri of Attica., 23 Athens, Diakou Street, P.C. 152 33 Greece, mill-1 ta' Mejju, 2026 sat-30 ta' April, 2027 bi spiża ta' €39,000.00, VAT eskluża.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

KUNSILL LOKALI L-FURJANA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Furjana jgħarraf illi li skont Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jkunu magħluqin għall-vetturi privati, u se jigu klassifikati bhala żoni ta' rmonk kif indikat.

Il-Kunsill Lokali l-Furjana jgħarraf illi t-twaqqif ta' vetturi fit-toroq imniżżlin, u l-parkeġġ fil-kaxxi tal-parkeġġ indikati bit-tabelli tan-'No Parking' fit-toroq u l-ħinijiet imsemmija huwa projbit.

Mill-5.00 p.m. tas-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2026 sat-8.00 p.m. tal-Ħadd, 18 ta' Ottubru, 2026, minn Triq il-Mall minn Triq Vincenzo Bugeja sa Triq Vincenzo Dimech.

Waqt il-ħinijiet imsemmija hawn fuq, iż-żona tal-parkeġġ fi Triq Vincenzo Dimech se tkun riservata għal dawk li għandhom il-permess residenzjali tal-parkeġġ tal-Furjana;

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Ottubru, 2026, mis-7.00 a.m. sat-8.00 p.m., minn Triq il-Konservatorju minn Triq l-Iljun sa Pjazza San Kalċidonju, Pjazza San Publju minn Triq San Publju sa Triq Sarria, Triq San Publju minn Triq is-Suq sa Pjazza E. S. Tonna, Triq il-Miratur minn Triq Sant'Anna sa Triq San Franġisk, u Triq Sarria minn Pjazza E. S. Tonna sa Pjazza San Publju.

L-ispazji tal-parkeġġ fi Triq Sarria minn Pjazza E. S. Tonna sa Pjazza San Publju se jkunu riservati għall-parteċipanti tas-Suq tal-Arti u l-Artiġġjanat.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

Visual Equipment at the House of Representatives, Parliament of Malta for a period of 12 months as from 1st May, 2026 to 30th April, 2027.

On Wednesday, 3rd June, 2026, the Ministry for Finance approved a request from the House of Representatives, Parliament of Malta, to enter into contractual arrangements relative to a Memorandum of Understanding regulating the Agreement for Maintenance and Technical Support Services of Audio-Visual Equipment at the House of Representatives, Parliament of Malta, with TELMACO S.A., Chalandri of Attica., 23 Athens, Diakou Street, P.C. 152 33 Greece, from 1st May, 2026 to 30th April, 2027, for the sum of €39,000.00, excluding VAT.

16th October, 2026

FLORIANA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Floriana Local Council notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder will be closed to private vehicles, and are to be classified as towing zones as indicated.

The Floriana Local Council notifies that the stopping of vehicles in the listed streets, and the parking in the parking bays indicated by 'No Parking' signs in the mentioned streets and times are prohibited.

From 5.00 p.m. of Saturday, 17th October, 2026 to 8.00 p.m. of Sunday, 18th October, 2026, through Triq il-Mall from Triq Vincenzo Bugeja to Triq Vincenzo Dimech.

During the times mentioned above, the parking lot in Triq Vincenzo Dimech will be reserved for the Floriana residential parking permit holders;

On Sunday, 18th October, 2026, from 7.00 a.m. to 8.00 p.m., through Triq il-Konservatorju from Triq l-Iljun to Pjazza San Kalċidonju, Pjazza San Publju from Triq San Publju to Triq Sarria, Triq San Publju from Triq is-Suq to Pjazza E. S. Tonna, Triq il-Miratur from Triq Sant'Anna to Triq San Franġisk, and Triq Sarria from Pjazza E. S. Tonna to Pjazza San Publju.

Parking spaces in Triq Sarria from Pjazza E. S. Tonna to Pjazza San Publju will be reserved for participants of the Arts and Crafts Market.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

16th October, 2026

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali r-Rabat jgħarraf li parkeġġ se jkun sospiż fit-triq/żona li ġejja fid-dati msemmija kif indikat hawn taħt:

Mis-7.00 a.m. tas-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2026, sal-11.59 p.m. tal-Erbgħa, 28 ta' Ottubru, 2026, f'mitt spazju ta' parkeġġ fil-limiti tal-Imtaħleb.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf li nhar il-Ħadd, 25 ta' Ottubru, 2026, mis-7.30 a.m. sal-5.00 p.m., iż-żona tal-parkeġġ f'Misraħ il-Parroċċa tul Triq Dun Manwel Grima sal-kantuniera ma' Triq San Ġużepp se tkun magħluqa u se jitneħħew il-karozzi.

It-trasport pubbliku u l-vetturi se jkun devjati minn Triq il-Mellieħa għal kantuniera ma' Triq il-Mejjiesa u għal kantuniera ma' Triq il-Mellieħa mid-9.30 a.m. sal-5.00 p.m.

It-trasport pubbliku se jkun devjat minn Triq il-Mellieħa 'l barra, u jidħol fi Triq il-Knisja l-Qadima.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

KUNSILL LOKALI Ħ'ATTARD

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħ'Attard jgħarraf li parkeġġ se jkun sospiż fit-triq/żona li ġejja fid-dati msemmija kif indikat hawn taħt:

Mid-9.00 a.m. tas-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2026 sal-11.59 p.m. tal-Ħadd, l-1 ta' Novembru, 2026, f'erbgħin spazju ta' parkeġġ fir-ringroad tal-park tal-klieb fiż-żona tal-parkeġġ tar-runway l-antika wara Ta' Qali.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li l-Malta Wheelchair Basketball Association qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal offerta:

Referenza tal-Proġett VOPS A4.12.2026

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Rabat Local Council notifies that parking will be prohibited in the following street/area on the mentioned dates as indicated below:

From 7.00 a.m. of Saturday, 17th October, 2026 to 11.59 p.m. of Wednesday, 28th October, 2026, in one hundred parking spaces in the limits of Mtaħleb.

16th October, 2026

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Mellieħa Local Council notifies that on Sunday, 25th October, 2026, from 7.30 a.m. to 5.00 p.m., the parking area in Misraħ il-Parroċċa along Triq Dun Manwel Grima up to the corner with Triq San Ġużepp will be closed and cleared.

Public transport and vehicles will be diverted from Triq il-Mellieħa to the corner with Triq il-Mejjiesa and to the corner with Triq il-Mellieħa from 9.30 a.m. to 5.00 p.m.

Public transport will be diverted from Triq il-Mellieħa outwards, and enters into Triq il-Knisja l-Qadima.

16th October, 2026

Ħ'ATTARD LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Ħ'Attard Local Council notifies that parking will be prohibited in the following street/area on the mentioned dates as indicated below:

From 9.00 a.m. of Saturday, 17th October, 2026 to 11.59 p.m. of Sunday, 1st November, 2026, in forty parking spaces in the dog park's ringroad in the former runway's parking area behind Ta' Qali.

16th October, 2026

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that the Malta Wheelchair Basketball Association is requesting the call for tenders:

Project Reference VOPS A4.12.2026

Il-Malta Wheelchair Basketball Association teħtieġ ix-xiri ta' tmien (8) headsets tal-VR b'aċċessorji u servizz tal-klassi/wiri li jista' jinġarr, bħala parti mill-VOPS A4.12.2026 – 'Project Rebound – Changing Perceptions Through Wheelchair Basketball'.

Dawk interessati għandhom jibagħtu ittra elettronika għall-ispeċifikazzjonijiet lil (finance@mwba.org.mt).

L-offerta tagħlaq nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2026.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-Chief Executive Officer, l-Awtorità tad-Djar, jgħarraf illi:

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru, 2026.

Avviż Nru 21/2026. Kera tale quale ta' Car Space B, 43, Triq id-Demnuq, Is-Siġġiewi. Offerti taħt €657 p.a. ma jiġux ikkunsidrati. Dan l-avviż huwa suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Avviż Nru 21/2026. Kera tale quale ta' Car Space D, 43, Triq id-Demnuq, Is-Siġġiewi. Offerti taħt €686 p.a. ma jiġux ikkunsidrati. Dan l-avviż huwa suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Avviż Nru 21/2026. Kera tale quale ta' Car Space E, 43, Triq id-Demnuq, Is-Siġġiewi. Offerti taħt €820 p.a. ma jiġux ikkunsidrati. Dan l-avviż huwa suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Avviż Nru 22/2026. Kera tale quale ta' ħanut fin-numru 97, Triq San Ġwann, Bormla. Offerti taħt €7,000 p.a. ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru 23/2026. Kera tale quale ta' 8, Blk 5, ħanut 8, Post is-Sagra Infermerija, Il-Birgu. Offerti taħt €8,000 p.a. ma jiġux ikkunsidrati. Dan l-avviż huwa suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut.

The Malta Wheelchiar Basketball Association needs the purchase of eight (8) VR headsets with accessories and a portable classroom/display service, as part of the VOPS A4.12.2026 – 'Project Rebound – Changing Perceptions Through Wheelchair Basketball'.

Prospective bidders are invited to send an email for specifications to (finance@mwba.org.mt).

The deadline for submissions is Tuesday, 10th November, 2026.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector.

16th October, 2026

HOUSING AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Housing Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana by 10.00 a.m. on Friday, 30th October, 2026 for:

Advt No. 21/2026. Lease of tale quale of Car Space B, 43, Triq id-Demnuq, Siġġiewi. Offers below €657 p.a. will not be considered. This advert is subject to right of first refusal.

Advt No. 21/2026. Lease of tale quale of Car Space D, 43, Triq id-Demnuq, Siġġiewi. Offers below €686 p.a. will not be considered. This advert is subject to right of first refusal.

Advt No. 21/2026. Lease of tale quale of Car Space E, 43, Triq id-Demnuq, Siġġiewi. Offers below €820 p.a. will not be considered. This advert is subject to right of first refusal.

Advt No. 22/2026. Lease of tale quale of Shop at No 97, Triq San Ġwann, Cospicua. Offers below €7,000 p.a. will not be considered.

Advt No. 23/2026. Lease of tale quale of 8, Block 5, Shop 8, Post is-Sagra Infermerija, Vittoriosa. Offers below €8,000 p.a. will not be considered. This advert is subject to right of first refusal.

Avviż Nru 24/2026. Kera tale quale ta' Garaxx 7, Blk E, Ent. B, Tal-Ħawli, Triq Peppi Vella, Il-Birgu. Offerti taħt €2,500 p.a. ma jiġux ikkunsidrati. Dan l-avviż huwa suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Avviż Nru 25/2026. Kera tale quale ta' Garaxx 13, Blk 1, Triq Hanover, Bormla. Offerti taħt €1,100 p.a. ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta u jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar.

L-Awtorità żżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI

Id-Dipartiment tal-Informazzjoni jgħarraf li kwotazzjonijiet elettroniċi rigward dan l-avviż se jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sal-10.00 a.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru, 2026, għal:

Kwot. Nru. 01/2026 (PALG/GF/414661/2026). Servizzi fotografiċi għad-Dipartiment tal-Informazzjoni.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Uffiċċju għad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 19 ta' Ottubru, 2026.

ERU1210U26 – Devices
ERU1210U26A – Devices
ERU1310U26 – Devices
ERU1310U26A – Medicinal
ERU1310U26B – Devices
ERU1310U26C – Medicinal

Advt No. 24/2026. Lease of tale quale of Garage No. 7, Blk E, Ent. B, Tal-Ħawli, Triq Peppi Vella, Vittoriosa. Offers below €2,500 p.a. will not be considered. This advert is subject to right of first refusal.

Advt No. 25/2026. Lease of tale quale of Garage 13, Blk 1, Triq Hanover, Vittoriosa, Offers below €1,100 p.a. will not be considered.

A fee of €50 will be charged for the tender documents and can be obtained from the Housing Authority's office.

The Housing Authority reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

16th October, 2026

DEPARTMENT OF INFORMATION

The Department of Information notifies that an electronic quotation in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 10.00 a.m. (Central European Time) of Friday, 30th October, 2026, for:

Quot. No. 01/2026 (PALG/GF/414661/2026). Photographic services for the Department of Information.

Quotation documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

16th October, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 19th October, 2026.

ERU1210U26 – Devices
ERU1210U26A – Devices
ERU1310U26 – Devices
ERU1310U26A – Medicinal
ERU1310U26B – Devices
ERU1310U26C – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-16 ta' Ottubru, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Uffiċċju għad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 20 ta' Ottubru, 2026.

Ma' din l-ittra uffiċjali qed tiġi annessa kopja awtentikata tal-kambjala fuq indikati sabiex il-krettu dovut minnek u ammontanti għal €2,326 qed jiġi reż titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 253 u artikoli sussegwenti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fin-nuqqas ta' ħlas is-soċjetà mittenti se tipproċedi kontra tiegħek ulterjorment bil-Qorti, mingħajr avviż ieħor, inkluż kull mandat opportun.

Din l-intima qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u speċjalment biex tirrendi l-imsemmija kambjala eżegwibbli skont il-liġi a tenur tal-Art 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qed tiġi infurmat wkoll, u dan kif rikjest mill-proviso ta' paragrafu (e) tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi tista', permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, titlob lill-Qorti kompetenti sabiex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew kambjali hawn fuq imsemmija, kollha jew f'parti minnhom u dan f'każ li topponi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew kambjali minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew kambjali ma tkunx tiegħek jew tal-mandatarju tiegħek, jew fejn għandek raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni.

Bl-ispejjeż tal-preżenti ittra uffiċjali u bl-imgħax ta' 8% fis-sena fuq kull kambjala li tkun immaturat għall-ħlas mid-data tal-maturazzjoni sad-data tal-ħlas effettiv.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With this judicial letter an authenticated copies of this bill of exchange abovementioned is being attached so that the debt due by you amounting to €2,326 is being rendered executable title in terms of Article 253 and subsequent articles of Cap. 12 of the Laws of Malta that is the Code of Organisation and Civil Procedure. In default of payment the interpellant company will proceed against you further in Court, without any further notice, including with the issue of every appropriate warrant.

This judicial letter is being made for all purposes and effects of law and especially to render the said bill of exchange executable according to law in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

You are being informed also, and this as required in the proviso of paragraph (e) of Article 253 of Cap. 12 of the Laws of Malta that you can, be means of an application that has to be filed within twenty days from the service of this judicial letter, you can request the competent Court to suspend the execution of bill of exchange or bills of exchange abovementioned, in their entirety or in part, and this in case you oppose the execution of the bill of exchange or bill of exchange because the signature on the bill of exchange or bills of exchange is not yours or of your mandatary, or if you have other grave and valid reasons to oppose the execution.

With costs of this present judicial letter, and with 8% interest per year on each bill of exchange that has matured for payment from the date of maturity till the date of effective payment.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 14th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2712

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-1 ta' Ottubru, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2583/2026, fl-ismijiet Citadel Insurance plc vs Sheldon Briffa, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Sheldon Briffa, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Sheldon Briffa (KI 0209402L) ta'37, Triq Dun Filippu Borg, Birkirkara, fit-30 ta' Lulju, 2026, Citadel Insurance plc (C21550) ta' 26, Casa Borgo, Triq is-Suq, Il-Furjana, tagħmel referenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-30 ta' Lulju, 2025, fi Triq Tas-Sliema, Il-Gżira, li fih kienu involuti l-vettura tal-għamla Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni KCI-703 proprjetà ta' Emerson Scicluna u assigurta mas-soċjetà tal-

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 1st October, 2026, in the records of the judicial letter number 2583/2026, in the names Citadel Insurance plc vs Sheldon Briffa, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Sheldon Briffa, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Sheldon Briffa (ID 0209402L) of 37, Triq Dun Filippu Borg, Birkirkara, on the 30th July, 2026, Citadel Insurance plc (C21550) of 26, Casa Borgo, Triq is-Suq, Floriana, refer you to the car accident that occurred on the 30th July, 2025, in Triq Tas-Sliema, Gżira, in which the vehicle of the make Mazda Demio with registration number KCI-703 property of Emerson Scicluna and insured with the insurance company GasanMamo Insurance Limited the

assigurazzjoni GasanMamo Insurance Limited kien hemm il-vettura tal-għamla Hyundai i20 bin-numru ta' reġistrazzjoni GQZ-170 u assigurata mas-soċjetà tal-assigurazzjoni Thomas Smith Insurance Agency Ltd u l-vettura tal-għamla toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni KCL-718 proprjetà tiegħek u misjuqa minnek Sheldon Briffa.

Illi bil-preżenti għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi inti qed tiġi infurmat li l-inċident de quo mhuwiex kopert bil-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mill-mittenti fir-rigward tal-vettura KCL-718 u dan stante l-fatti kif rapportati mill-Pulizija u dak li rriżulta mill-investigazzjoni ta' dan il-każ u li għalhekk l-aġir tiegħek huwa bi ksur lampanti tal-kundizzjonijiet tal-polza relattiva;

Illi sussegwentement għall-imsemmi inċident infetħu proċeduri arbitrali fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limted et vs Citadel Insurance (ARB M7521/2026) u teżisti possibbiltà li jinfetħu proċeduri oħra minn terzi relatati mal-inċident imsemmi hawn fuq. Il-mittenti tiddikjara li mhix f'pożizzjoni li twieġeb għal kwalunkwe pretensjoni mressqa minn terzi involuti f'dan l-inċident awtomobilistiku inkluż fil-proċeduri surreferiti. Illi f'każ li s-soċjetà mittenti tiġi obbligata li taffettwa xi pagamenti għan-nom tiegħek hija qiegħda minn issa tirriżerva l-pożizzjoni tagħha fil-konfront tiegħek skont il-liġi u dan għall-irkupru tal-ammonti kollha hekk minnha sborżati inkonnessjoni ma' dan l-inċident, inkluż is-sorte, spejjeż ġudizzjarji u mgħaxijiet.

Għaldaqstant, ikun fl-aħjar interess tiegħek li tkellem ma' avukat tal-fiduċja tiegħek sabiex tagħmlu l-arranġamenti meħtieġa mat-terzi.

Din l-ittra qiegħda ssir għall-fini u effetti kollha tal-liġi u senjatament iżda mhux limitatament għall-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

vehicle of the make Hyundia i20 with registration number GQZ-170 andinsured with the insurance company thomas Smith Insurnace Agency Ltd and the vehicle of the make Vitz with registration number KCL-718 of your property and driven by you Sheldon Briffa.

That by this present for all intents and purposes of law you are being informed that the accident de quo is not covered by the insurance policy issued by the interpellant regarding the vehicle KCL-718 and this as reported by the Police and that resulted from the investigation in this case and this in clear violation of the conditions of the relative policy;

That subsequently to the said accident arbitral proceedings were instituted in the names GasanMamo Insurance Limited et vs Citadel Insurance (ARB M7521/2026) and their exists the possibility that other procedures will be filed by third parties related to the said accident. The interpellant declares that it is not in a position to answer for any claims brought forward by third parties involved in this car incident including in the procedures abovementioned. That in case the interpellant company is obliged to effect any payments on your behalf it is from now reserving its position against you according to law and this for the recovery of all the amounts so disbursed by it in connection with this accident, including capital, judicial expenses and interest.

Therefore, it would be in your best interest to speak with a lawyer of your faith to make the necessary arrangements with third parties.

This letter is being made for all intents and purposes of law and especially but not limitedly to Cap. 104 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 14th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2713

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' April, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2346/2024, fl-ismijiet l-Awtorità tal-Ippjanar vs Christopher Borg, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 fil-konfront ta' Christopher Borg.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

By means of a decree of the 16th April, 2025, of the Courts of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 2346/2024, in the names Planning Authority vs Christopher Borg, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Christopher Borg in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Illum 28 ta' Ġunju, 2024

Lil Christopher Borg (KI 20273M) ta' Chadwick Court, Fl. 3, Triq il-Palma, L-Imtarfa

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tal-Ippjanar ta' St Francis Ravelin, Il-Furjana, formalment tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €8,542 li hija dik is-somma li laħqet iddekorriet sa nhar is-26 ta' Ġunju, 2024, skont ir-Regolament 3 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.24 dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi.

Illi l-multa hawn fuq imsemmija hija dovuta u naxxenti minn ksur tal-kontroll tal-Ippjanar kif specifikat fl-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq bin-numru ECF 258/17 datat 11 ta' Diċembru, 2017 (hawn anness u mmarkat bħala Dok. A).

L-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda żżomm ferm kull jedd eżekuttiv jew xort'oħra diġà miksub minnha u tirriserva wkoll li titlob kull ammont li jiġi dovut wara d-data ta' din l-ittra u li jkun għadu ma tħallasx.

Illi l-preżenti ittra ġudizzjarja għandha sservi wkoll mezz ta' ksur ta' kwalunkwe preskrizzjoni estintiva li tista' tiġi invokata kontra l-mittenti meta hija tiġi biex tinforza d-drittijiet tagħha.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today 28th June, 2024

To Christopher Borg (ID 20273M) of Chadwick Court, Fl. 3, Triq il-Palma, Mtarfa

By the present Planning Authority of St Francis Ravelin, Floriana, formally calls upon you so that immediately you pay the sum of €8,542 which is that sum which has accrued till the 26th June, 2024, in accordance with Regulation 3 of Subsidiary Legislation 552.24 on Daily and Administrative Fines.

That the fine abovementioned is due and results from a violation of the Planning control as specified in the Enforcement Notice number ECF 258/17 dated 11th December, 2017 (here attached and marked as Doc. A).

The Planning Authority is strongly retaining any executive or other right already acquired by it and reserves to claim any amount which is due after the date of this letter and which has not yet been paid.

That the present judicial letter should also serve as a means of violation of any extinctive prescription that can be invoked against the interpellant when it is invoked to enforce its rights.

With costs and interests till the date of effective payment.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 14th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2714

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' April, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Charles Mangion.

Assoċjazzjoni tal-Gransite ta' Blokk C, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, ippreżentaw Talba, fl-14 ta' Marzu, 2026, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Charlotte Micallef u Charles Mangion (KI 479971M) ta' Blokk 14, Flat 8, Binja Santa Venera, Santa Venera, flimkien u in solidum, sabiex iħallsu s-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,000, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 71/2024MD) hija differita għas-27 ta' Ottubru, 2026, fis-1.55 p.m.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 12th April, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Charles Mangion in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Gransite Association of Block C, Triq it-Tamar, St Paul's Bay, filed a Claim on the 14th March, 2026, whereby they asked the Tribunal to condemn Charlotte Micallef and Charles Mangion (ID 479971M) of Block 14, Flat 8, Binja Santa Venera, Santa Venera, together and in solidum, to pay the plaintiff company the sum of €1,000, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 71/2024MD) is deferred on the 27th October, 2026, at 1.55 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 14th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2715

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' Frar, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Mark Anthony Portelli.

BPM Limited (C83995) ta' Ballut Blocks, Triq Wied Filep, San Pawl tat-Tarġa limiti tan-Naxxar ippreżentaw Talba, fl-4 ta' Frar, 2026, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mark Anthony Portelli (KI 535880M) ta' 58, Triq il-Mediterran, Pembroke, sabiex iħallas is-soċjetà attriċi s-somma ta' €5,000, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 23/2026CL) hija differita għat-28 ta' Ottubru, 2026, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 11th February, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Mark Anthony Portelli in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

BPM Limited (C83995) of Ballut Blocks, Triq Wied Filep, San Pawl tat-Tarġa l/o Naxxar, filed a Claim on the 4th February, 2026, whereby they asked the Tribunal to condemn Mark Anthony Portelli (ID 535880M) of 58, Triq il-Mediterran, Pembroke, to pay the plaintiff company the sum of €5,000, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 23/2026CL) is deferred on the 28th October, 2026, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 14th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2716

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' Mejju, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Prestige Hospitality Limited.

N Calleja Trading Enterprises Ltd (C16998) ta' 18/19, Triq Anthony Coleiro, Tal-Ħandaq, Ħal Qormi, ippreżentaw Talba, fil-15 ta' Mejju, 2026, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Prestige Hospitality Limited (C83421) ta' Flat 1, Blokk 70, Triq Gafar, Tas-Sliema, sabiex tħallas is-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,344.12, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 144/2026CC) hija differita għat-28 ta' Ottubru, 2026, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 21st May, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent company Prestige Hospitality Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

N Calleja Trading Enterprises Ltd (C16998) of 18/19, Triq Anthony Coleiro, Tal-Ħandaq, Ħal Qormi, filed a Claim on the 15th May, 2026, whereby they asked the Tribunal to condemn Prestige Hospitality Limited (C83421) of Flat 1, Block 70, Triq Gafar, Tas-Sliema, to pay the plaintiff company the sum of €2,344.12, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 144/2026CC) is deferred on the 28th October, 2026, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 14th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2717

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Mejju, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' T&H Distributors Ltd.

J Grima & Co Limited (C16863) ta' 130, Triq Psaila, Birkirkara, ppreżentaw Talba, fis-6 ta' Mejju, 2026, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil T&H Distributors Ltd (C 6239) ta' 69, Triq Hookham Frere, Tal-Pietà MSD 09, sabiex tħallas is-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,573.91, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 109/2026CC) hija differita għat-28 ta' Ottubru, 2026, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 12th May, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent company T&H Distributors Ltd. in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

J Grima & Co Limited (C16863) of 130, Triq Psaila, Birkirkara, filed a Claim on the 6th May, 2026, whereby they asked the Tribunal to condemn T&H Distributors Ltd (C 6239) of 69, Hookham Frere Street, Tal-Pietà MSD 09, to pay the plaintiff company the sum of €3,573.91, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 109/2026CC) is deferred on the 28th October, 2026, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 14th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2718

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 2026, fuq talba ta' Gasapoli Limited ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 866/2026, fl-ismijiet; Gasapoli Limited vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' depożitu ta' ċens numru 866/2026, ta' Gasapoli Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C31870 vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa tal-porzjoni diviża ta' art li tinsab l-Imrieħel, ġieli mal-limiti ta' Birkirkara u ġieli mal-limiti ta' Ħal Qormi, aċċessibbli minn Triq bla isem li tiżbokka għal fuq Mrieħel By-Pass. L-istess art hija tal-kejl ta' erba' mitt metru kwadru (400m²) bil-faċċata ta' massimu ta' ħmistax- il metru u ħamsa u tmenin ċentimetru (15.85m), ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-23 ta' April, 2026, fejn Gasapoli Limited tesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti hija ċ-ċenswalista tal-porzjoni diviża ta' art li tinsab l-Imrieħel, ġieli mal-limiti ta' Birkirkara u ġieli mal-limiti ta' Ħal Qormi, aċċessibbli minn triq bla isem li

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 30th April, 2026, following a request of Gasapoli Limited, it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number 866/2026, in the names; Gasapoli Limited vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of deposit of groundrent number 866/2026, of Gasapoli Limited with registration number C31870 vs Deputy Curators to represent the unknown owners of the divided portion of land situated in Mrieħel, sometimes within the limits of Birkirkara and sometimes within the limits of Ħal Qormi, accessible from an unnamed road which leads to Mrieħel By-Pass. The same land is of an area of four hundred square metres (400m²) with a frontage of a maximum of fifteen metres and eighty-five centimetres (15.85m), filed in the First Hall of the Civil Courts on 23rd April, 2026, whereby Gasapoli Limited respectfully submitted:

That the applicant is the empheteuta of the divided portion of land situated in Mrieħel, sometimes within the limits of Birkirkara and sometimes within the limits of

tiżbokka għal fuq Mrieħel By-Pass. L-istess art hija tal-kejl ta' erba' mitt metru kwadru (400m²) bil-faċċata ta' massimu ta' ħmistax-il metru u ħamsa u tmenin ċentimetru (15.85m) suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' sittax-il lira Maltija u tlettax-il ċenteżmu (Lm16.13), illum ekwivalenti għal sebgħa u tletin ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€37.56). Altrimenti libera u franka bid-drittijiet ġiustijiet u pertinenzi tagħha kollha.

Illi l-esponenti akkwistat l-imsemmija dar in forza ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dott. Ian Spiteri tat-tnejn ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (02/10/2003) mill-poter ta' S.B.T Limited.

Illi l-esponenti għandha tħallas iċ-ċens għal dawn l-aħħar tmien (8) snin li jammontaw għal mija disgħa u għoxrin lira u erba' ċenteżmi (Lm129.04) ekwivalenti għal tliet mitt ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€300.66).

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex teżimi ruħa minn kull responsabbiltà, qiegħda tadixxi lil din il-Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma ta' €250.65 li flimkien mal-ispejjeż ta' €49.98 jammontaw għal tliet mitt ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€300.66), bħala arretrati tal-prezz ta' ċens kif hawn fuq deskritt sabiex din is-somma tiġi liberament żbankata mill-intimati wara li jħalli d-debita riċevuta skont il-liġi.

Notifika: Kuraturi deputati, il-Qorti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Mark Simiana, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 30 ta' April, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Qormi, accessible from an unnamed road which leads to the Mrieħel By-Pass. The same land is of an area of four hundred square metres (400m²) with a frontage of a maximum of fifteen metres and eighty-five centimetres (15.85m) subject to an annual and perpetual groundrent of sixteen Maltese lira and thirteen cents (Lm16.13), today equivalent to thirty-seven euros and fifty-six cents (€37.56). Otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances.

That the applicant acquired the said house by virtue of a contract of sale in the acts of Notary Dr Ian Spiteri dated the second of October of the year two thousand and three (02/10/2003) from the power of S.B.T Limited.

That the applicant shall pay the rent for the last eight (8) years amounting to one hundred and twenty-nine liri and four cents (Lm129.04) equivalent to three hundred and sixty-six euros (€300.66).

Therefore, the applicant in order to safeguard herself from any responsibility is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the sum of €250.65 which together with €49.98 as costs amount to three hundred and sixty-six euros (€300.66), as arrears of groundrent as above described so that this sum may be freely withdrawn by the respondents after leaving the due receipt in accordance with the law.

Notification: Deputy curators, the Court, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Mark Simiana, LLD, Doctor of Laws.

Today 30th April, 2026

Registry of the Superior Courts, today 14th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2719

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-15 ta' Lulju, 2025, fuq talba ta' M.S.C Limited ġie ordnat sabiex jigu nominati kuraturi deputati sabiex iħarsu l-interessi tal-intimati fl-atti taċ-ċedola numru 1440/2025, fl-ismijiet M.S.C Limited vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola Depożitu u kontestewali Fidi ta' Ċens numru 1440/2025 fl-ismijiet M.S.C Limited (C12708) bl-indirizz Spinola Park, Level O, Triq Mikiel Ang. Borg, St Julian's, Malta, li ġiet reġistrata f'Malta fit-28 ta' Mejju, 1991, u hija rappreżentata mill-Perit Arkitet u Inġinier Raymond Demicoli (KI 780252M) vs Kuraturi Deputati sabiex jidhru għan-nom ta' sidien mhux magħrufa ta' porzjoni diviża ta' art fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa magħrufa bħala 'L-Għar tal-Fatati' fil-kuntrada 'Ta' Mensija', limiti ta' San Ġwann, indikata bħala porzjoni tmienja (8) fuq l-annessa pjanta markata dokument 'A', tal-kejl ta' ċirka mitejn u sebgħa u għoxrin metru kwadru (227.mk); u Kuraturi Deputati sabiex jidhru għan-nom u fl-interess ta' Carmelo Mifsud, ġja bir-raba', bin il-mejtin Felice Mifsud u Marianna Mifsud née Parnis, imwieled u kien joqgħod Birkirkara li mhux magħruf jekk huwiex ħaj jew għas-suċċessuri fit-titolu tiegħu mhux magħrufa jekk ikun il-każ; u vs Doris Borg mart Carmelo, mara tad-dar, bint Giusepppe Debono u Giuseppa Debono née Micallef, twieldet Birkirkara u toqgħod is-Swieqi, bil-karta tal-identità numru 612453M, bħala waħda mill-eredi, u għan-nom tal-eredi l-oħra, tal-imsemmi Giuseppe Debono, ġja kuntrattur, bin-mejtin Alberto Debono u Caterina Debono née Vella, imwieled San Ġiljan u kien joqgħod San Ġwann, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-11 ta' Lulju, 2026, fejn M.S.C. Limited (C12708) tesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti qiegħda tagħmel din iċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens fir-rigward tal-porzjoni diviża ta' art fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa magħrufa bħala 'L-Għar tal-Fatati' fil-kuntrada 'Ta' Mensija', limiti ta' San Ġwann, indikata bħala porzjoni tmienja (8) fuq l-annessa pjanta markata dokument 'A', tal-kejl ta' superfiċjali ta ċirka mitejn u sebgħa u għoxrin metru kwadru (227 m.k), konfinanti mit-Tramuntana u mill-Punent ma' Triq l-Ortolan, ġja triq ġdida proġettata bla isem, mil-Lvant u mill-Ġrigal ma' proprjetà tal-esponenti ta' M.S.C. Limited (C12708). Fuq din il-porzjoni ta' art illum hemm mibnija l-fondi numru tnax (12), Triq l-Ortolan, San Ġwann;

Illi l-imsemmija porzjoni diviża ta' art ġiet akkwistata mill-esponenti in forza tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 15th July, 2025, following a request of M.S.C Limited it was ordered that deputy curators be appointed to represent the interest of the respondents in the acts of the schedule of deposit number 1440/2025, in the names M.S.C Limited vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and Redemption of groundrent number 1440/2025 M.S.C. Limited (C12708) with address Spinola Park, Level 0, Triq Mikiel Ang. Borg, St Julian's, Malta, which was registered in Malta on the 28th May, 1991, and is represented by Architect and Civil Engineer Raymond Demicoli (ID 780252M) vs Deputy Curators to appear on behalf of unknown owners of a divided and developable portion of land forming part of the field known as 'L-Għar tal-Fatati' in the vicinity of 'Ta' Mensija', limits of San Ġwann, indicated as portion eight (8) on the attached plan marked document 'A', measuring approximately two hundred and twenty seven square metres (227.mk); and Deputy Curators to appear in the name and in the interest of Carmelo Mifsud, previously farmer, son of the late Felice Mifsud and Marianna Mifsud née Parnis, born and resided in Birkirkara who is not known whether he is alive or his unknown successors in title if any; and Doris Borg wife of Carmelo, housewife, daughter of Giusepppe Debono and Giuseppa Debono née Micallef, born in Birkirkara and residing in Swieqi, holding identity card number 612453M, as one of the heirs, and on behalf of the other heirs, of the said Giuseppe Debono, previously contractor, with the late Alberto Debono and Caterina Debono née Vella, born in St Julian's and resided in San Ġwann, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 11th July, 2026,wherby M.S.C. Limited (C12708) respectfully submitted:

That the applicant is making this schedule of deposit and redemption of groundrent as regards the divided portion of developable land forming part of the field known as 'L-Għar tal-Fatati' in the vicinity of 'Ta' Mensija ', limits of San Ġwann, indicated as portion eight (8) on the attached plan marked document 'A', measuring superficially circa two hundred and twenty seven square metres (227 sq.m), bounded on the North and West by Triq l-Ortolan, already a new street projected unnamed, on the East and on the North East by property of the applicants of M.S.C. Limited (C12708). On this portion of land today there is built the premises number twelve (12), Triq l-Ortolan, San Ġwann;

That the said divided portion of land was acquired by the applicants in virtue of the contract in the records of Notary

John Debono tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991), liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dokument 'B' u mill-provenjenza ulterjuri ta' dan il-kuntratt, jirriżulta li huma dovuti iċ-ċens, s-subċens u s-subsubċens hawn imsemmija;

Illi din il-porzjoni diviża ta' art, kienet tifforma parti mill-għalqa fil-limiti ta' San Ġiljan, kontrada 'Tal-Mensija' hekk ukoll imsejħa, tal-kejl l-intier ta' ċirka tomna, ekwivalenti għal elf mija u erbgħa u għoxrin metru kwadru (1124 m.k.) u li kienet tmiss mill-Punent mal-knisja tal-Mensija, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' spazju pubbliku jew irjieħ verjuri u hija:

a) suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' erba' xelini u żewġ soldi ekwivalenti għal għoxrin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm0.20c8) ekwivalenti għal disgħa u erbgħin ċenteżmu (€0.49) u dan kif jidher mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Brincat tat-tletin (30) ta' April, tas-sena elf disa' mija u erbgħa u ħamsin (1954), liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dokument 'C'. Sehem din il-porzjoni diviża ta' art minn dan iċ-ċens jammonta għal għaxar ċenteżmi (€0.10),

b) suġġetta għas-subċens ta' ħamsin lira Maltin (Lm 50) ekwivalenti għal mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), u dan, kif jidher mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Francis Micallef tat-tlieta (3) ta Frar, tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sittin (1967), liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dokument 'D'. Sehem din il-porzjoni diviża ta' art minn dan is-subċens jammonta għal tlieta u għoxrin euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€23.53),

c) suġġetta għas-subsubċens ta' tliet mija u tnejn u tletin lira u erba' xelini ekwivalenti għal tliet mija u tnejn u tletin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm332.20c) ekwivalenti għal seba' mija u tlieta u sebgħin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€773.82), u dan kif jidher mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace tad-disgħa ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u disgħa u sittin (1969), liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dokument 'E'. Sehem din il-porzjoni diviża ta' art minn dan is-subsubċens jammonta għal mija u erbgħa u għoxrin euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€124.57);

Illi fl-ewwel lok, fir-rigward taċ-ċens fuq imsemmi, l-esponenti qegħdin jagħmlu pagament ta' sittin ċenteżmu (€0.60), liema somma tirrappreżenta:

a) kwantu għas-somma ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) bħala ċ-ċens pagabbli komplessivament għal ħames snin fuq din il-porzjoni diviża ta' art,

b) kwantu għas-somma ta' għaxar ċenteżmi (€0.10) bħala l-laudemium li jista' jkun dovut fuq it-trasferiment tal-fuq imsemmija porzjoni diviża ta' art;

Doctor John Debono of the twenty-fifth (25) of September, of the year one thousand nine hundred ninety-one (1991), which contract is here attached and marked as document 'B' and from the further root of this contract, it results that the groundrent, sub-groundrent and sub-sub-groundrent herein mentioned are due;

That this divided portion of land, formed part of the field in the limits of St Julian's, in the vicinity of 'Tal-Mensija' so called, measuring the whole area of about one tumolo, equivalent to one thousand one hundred and twenty four square metres (1124 sq.m.) and bounded on the west by the church of Mensija, on the south and east by a public space or more precise boundaries and is:

a) subject to the annual and perpetual groundrent of four shillings and two pence equivalent to twenty cents and eight mills (Lm0.20c8) equivalent to forty nine euro cents (€0.49) and this as appears from the contract in the records of Notary Dr Joseph Brincat dated thirty (30) of April, of the year one thousand nine hundred and fifty four (1954), this contract is here attached and marked as document 'C'. This divided portion of land from this groundrent amounts to ten cents (€0.10),

b) subject to the subgroundrent of fifty Maltese liri (Lm 50) equivalent to one hundred and sixteen euro and forty seven cents (€116.47), and this, as appears from the contract in the records of Notary Doctor Francis Micallef of the third (3) of February, of the year one thousand nine hundred and sixty seven (1967), which contract is being attached and marked as document 'D'. This divided portion of land from this sub ground rent amounts to twenty three euro and fifty three cents (€23.53),

c) subject to sub-ground rent of three hundred and thirty two liri and four shillings equivalent to three hundred and thirty two liri and twenty cents (Lm332.20c) equivalent to seven hundred and seventy-three euro and eighty-two cents (€773.82), and this as it appears from the contract in the records of Notary Remigio Zammit Pace dated ninth June of the year one thousand nine hundred and sixty nine (1969), which contract is here attached and marked as document 'E'. This divided portion of land from this sub-ground rent amounts to one hundred and twenty four euro and fifty seven cents (€124.57);

That in the first place, as regards the groundrent abovementioned, the applicants are making a payment of sixty cents (€0.60), which sum represents:

a) as for the sum of fifty cents (€0.50), as groundrent payable overall for five years on this divided portion of land,

b) as for the sum of ten cents (€0.10) as the laudemium which may be due on the transfer of the abovementioned divided portion of land;

Illi fit-tieni lok, fir-rigward tas-subċens fuq imsemmi, l-esponenti qegħdin jagħmlu pagament ta' mija u wieħed u erbgħin ewro u tmintax-il ċenteżmu, liema somma tirrappreżenta:

a) kwantu is-somma ta' mija u sbatax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€117.65) bħala s-subċens pagabbli komplessivament għal ħames snin, u

b) kwantu s-somma ta' tlieta u għoxrin ewro u tlieta u ħamsin u sittin ċenteżmu (€23.53) li jirrappreżenta l-laudemium dovut fuq it-trasferiment ta' 'l fuq imsemmija porzjoni;

Illi fit-tielet lok, fir-rigward tas-subsubċens fuq imsemmi, l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda pendenzi fil-ħlas tas-subsubċens u qegħdin jagħmlu pagament ta' mija u erbgħa u għoxrin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€124.57) li jirrappreżenta l-laudemium dovut fuq it-trasferiment ta' 'l fuq imsemmija porzjoni;

Illi fir-raba' lok, l-esponenti qegħdin jipprevalixxu ruħhom mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu:

a) dan iċ-ċens kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) skont il-liġi biex b'hekk jammonta għal sittin ċenteżmu (€0.60),

b) dan is-subċens kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) skont il-liġi biex b'hekk jammonta għal erba' mija u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu (€470.60),

c) dan is-subsubċens kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) skont il-liġi biex b'hekk jammonta għal elfejn erba' mija u wieħed u disgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€2491.40);

Għaldaqstant, fil-ħames lok l-esponenti sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà, qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma komplessiva ta' tlett elef mitejn u tletin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€3230.35), liema somma tirrappreżenta:

a) is-somma komplessiva ta' żewġ ewro u sittin ċenteżmu (€2.60) li tkopri:

1. is-somma ta' ħamsin ċenteżmu (€0.50) bħala ċ-ċens pagabbli komplessivament għall-ħames snin, u

2. is-somma ta' għaxar ċenteżmi (€0.10) għall-laudemium li jista jkun dovut, u

3. is-somma ta' żewġ ewro (€2.00) sabiex b'hekk jiġi mifdi ċ-ċens fuq il-porzjoni diviża ta' art fuq imsemmija,

That in the second place, as regards the subgroundrent abovementioned, the applicants are making a payment of one hundred and forty one euro and eighteen cents (€141.18), which sum represents:

a) as for the sum of one hundred and seventeen euro and sixty five cents (€117.65) as the subgroundrent payable totally for five years, and

b) as for the sum of twenty three euro and fifty three cents (€23.53) which represents the laudemium due on the transfer of the abovementioned portion;

That in the third place, as regards the sub-groundrent abovementioned, the applicants declare that there are no pendencies in the payment of the sub-groundrent and are making a payment of one hundred and twenty four euro and fifty seven cents (€124.57) which represents the laudemium due on the transfer of the abovementioned portion;

That in the fourth place, the applicants are availing themselves of the provisions of Article 1501 of the Civil Code and redeem:

a) this groundrent capitalised at the rate of five per cent (5%) according to law so that amounts to sixty cents (€0.60),

b) this subgroundrent capitalised at the rate of five per cent (5%) according to law so that amounts to four hundred and seventy euros and sixty cents (€470.60),

c) this sub-groundrent capitalised at the rate of five per cent (5%) according to law thus amounting to two thousand four hundred and ninety one euros and forty cents (€2491.40);

Therefore, in the fifth place the applicant in order to safeguard herself from any responsibility is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the global sum of three thousand two hundred thirty euro and thirty five cents (€3230.35), which sum represents:

a) the total sum of two euro and sixty cents (€2.60) covering:

1. the sum of fifty cents (€0.50) as groundrent payable overall for five years, and

2. the sum of ten cents (€ 0.10) for the laudemium that may be due, and

3. the sum of two euro (€2.00) in order to redeem the groundrent on the divided portion of land abovementioned,

liema somma komplessiva ta' żewġ ewro u sittin ċenteżmu (€2.60) tista' tiġi liberament żbankata mill-Kuraturi Deputati għan-nom ta' sidien mhux magħrufa ta' porzjoni ta' art diviża u fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa magħrufa bħala 'L-Għar tal-Fatati' fil-kuntrada 'Ta' Mensija', limiti ta' San Ġwann, indikata bħala porzjoni tmienja (8) fuq l-annessa pjanta markata dokument 'A', tal-kejl ta' ċirka mitejn u sebgħa u għoxrin metru kwadru (227 m.k), wara li jħallu d-debita riċevuta skont il-liġi,

b) is-somma komplessiva ta' sitt mija u ħdax-il ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€611.78) li tkopri:

1. is-somma ta' mija u sbatax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€117.65) bħala s-subċens pagabbli komplessivament għall-ħames snin ċens; u

2. is-somma ta' tlieta u għoxrin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€23.53) għal-laudemium dovut, u

3. is-somma ta' erba' mija u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu (€470.60) sabiex b'hekk jiġi mifdi s-subċens fuq il-porzjoni diviża ta' art fuq imsemmija,

liema somma komplessiva ta' sitt mija u ħdax-il ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€611.78) tista' tiġi liberament żbankata mill-Kuraturi Deputati għan-nom u fl-interess ta' Carmelo Mifsud, ġja bir-raba', bin il-mejtin Felice Mifsud u Marianna Mifsud née Parnis, imwieled u kien joqgħod Birkirkara,li mhux magħruf jekk huwiex ħaj, jew għas-suċċessuri fit-titolu tiegħu mhux magħrufa jekk ikun il-każ, wara li jħallu d-debita riċevuta skont il-liġi,

c) is-somma komplessiva ta' elfejn sitt mija u ħmistax -il ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€2615.97) li tkopri:

1. is-somma ta' mija u erbgħa u għoxrin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€124.57) għal-laudemium dovut fuq it-trasferiment ta' 'l fuq imsemmija porzjoni, u

2. is-somma ta' elfejn erba' mija u wieħed u disgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€2491.40) sabiex b'hekk jiġi mifdi s-subsubċens fuq il-porzjoni diviża ta' art fuq imsemmija,

liema somma komplessiva ta' elfejn sitt mija u ħmistax-il ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€2615.97) tista' tiġi liberament żbankata minn Doris Borg mart Carmelo, mara tad-dar, bint Giuseppe Debono u Giuseppa Debono née Micallef, twieldet Birkirkara u toqgħod is-Swieqi, bil-karta tal-identità numru 612453M, bħala waħda mill-eredi, u għan-nom tal-eredi l-oħra, tal-imsemmi Giuseppe Debono, ġja kuntrattur, bin-mejtin Alberto Debono u Caterina Debono née Vella, imwieled San Ġiljan u kien joqgħod San Ġwann, wara li tħalli d-debita riċevuta skont il-liġi.

which total sum of two euro and sixty cents (€2.60) can be freely withdrawn by Deputy Curators on behalf of unknown owners of a divided and developable portion of land forming part of the field known as 'Għar tal-Fatati' in the vicinity of 'Ta' Mensija', limits of San Ġwann, indicated as a portion eight (8) on the attached plan marked document 'A', measuring about two hundred and twenty seven square metres (227 sq.m.), after leaving the relative receipt according to law,

b) the total sum of six hundred and eleven euro and seventy-eight cents (€611.78) covering:

1. the sum of one hundred and seventeen euro and sixty-five cents (€117.65) as the subgroundrent payable in total for the five years groundrent; and

2. the sum of twenty-three euro and fifty-three cents (€23.53) for the laudemium due, and

3. the sum of four hundred and seventy euro and sixty cents (€470.60) thus redeeming the subgroundrent on the divided portion of land abovementioned,

which global sum of six hundred and eleven euro and seventy eight cents (€611.78) can be freely withdrawn by the Deputy Curators in the name and interest of Carmelo Mifsud, previously with fourth, son of the late Felice Mifsud and Marianna Mifsud née Parnis, born and resided in Birkirkara who is not known whether he is alive, or to the unknown successors in title if any, after leaving the due receipt according to law,

c) the total sum of two thousand six hundred and fifteen euro and ninety-seven cents (€2615.97) which it covers:

1. the sum of one hundred and twenty-four euro and fifty-seven cents (€124.57) for the laudemium due on the transfer of the abovementioned portion, and

2. the sum of two thousand four hundred and ninety-one euro and forty cents (€2491.40) thus redeeming the sub-subgroundrent on the divided portion of land abovementioned,

which total amount of two thousand six hundred and fifteen euro and ninety seven cents (€2615.97) can be freely withdrawn by Doris Borg wife of Carmelo, housewife, daughter of Giuseppe Debono and Giuseppa Debono née Micallef, born in Birkirkara and residing in Swieqi, holding identity card number 612453M, as one of the heirs, and on behalf of the other heirs, of the said Giuseppe Debono, previously contractor, with the late Alberto Debono and Caterina Debono née Vella, born in St Julian's and resided in San Ġwann, after leaving the relative receipt according to law.

Esponenti: 171, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta

Notifika intimati: Kuraturi Deputati sabiex jidhru għannom ta' sidien mhux magħrufa ta' porzjoni ta' art diviża u fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa magħrufa bħala 'L-Għar tal-Fatati' fil-kuntrada 'Ta' Mensija', limiti ta' San Ġwann, indikata bħala porzjoni tmienja (8) fuq l-annessa pjanta markata dokument 'A', tal-kejl superfiċjali ta ċirka mitejn u sebgħa u għoxrin metri kwadri (227mk);

Kuraturi Deputati sabiex jidhru għan-nom u fl-interess ta' Carmelo Mifsud, ġja bir-raba', bin il-mejtin Felice Mifsud u Marianna Mifsud née Parnis, imwieled u kien joqgħod Birkirkara li mhux magħruf jekk huwiex ħaj, jew għassuċċessuri fit-titolu tiegħu mhux magħrufa jekk ikun il-każ;

Doris Borg, numru 3, Johann's Lodge, Triq Tal-Ibraġ, Swieqi;

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 34, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

